kdż

kummissjoni djocesana żgħażagħ

linji gwida għall-ħidma pastorali

maż-żgħażagħ

fl-ambjent tal-parroċċi

Produzzjoni Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ 2009

Diżinn: www.designedbyal.com
Stampa: Media Centre Limited

preżentazzjoni

Id-dokument tas-Sinodu Adolexxenti u Żgħażagħ jgħid li "il-parroċċa hi waħda mill-organi l-aktar bażiċi tal-Knisja; hija l-post fejn, wara l-familja, iż-żgħażagħ jibdew iduqu r-realtajiet kollha tal-ħajja Nisranija." (AŻ 19). Jgħid ukoll li "il-komunitajiet parrokkjali għandhom id-dmir li jipprovdu servizzi fejn dawn il-membri sħaħ tal-komunità jkunu jistgħu jimmaturaw fil-fidi u f'kull aspett ieħor ta' ħajjithom." (AŻ 20).

Dawn l-affermazzjonijiet juru kemm il-ħidma pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ fil-parroċċi hi waħda importanti u bżonnjuża. Sa minn qabel is-Sinodu Djoċesan, kien ilu żmien twil jinħass il-bżonn li fil-Knisja f'Malta jkun hawn impenn aktar qawwi fil-ħidma pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Dan il-bżonn ġie indirizzat fis-Sinodu Djoċesan sakemm tfasslet il-viżjoni li llum nistgħu nsibu fid-dokument sinodali Adolexxenti u Żgħażagħ. Dan ġie kkonfermat mill-fatt li fiż-żewġ Pjanijiet Pastorali Djoċesani li saru wara s-Sinodu, kategorija li qed tingħata prijorità hija dik tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

Għalhekk, dawn il-linji gwida - li huma msejsa u jkomplu jibnu fuq id-dokument Adolexxenti u Żgħażagħ - jagħtu ħarsa lejn kif għandha tkun ħidma pastorali integrata mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ fil-parroċċi. L-għanijiet tagħhom huma li:

> Fid-dawl tal-viżjoni li nsibu fid-dokument *Adolexxenti u Żgħażagħ*, joffru gwida prattika lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor huma involuti fil-pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ fl-ambjent tal-parroċċa.

{1}
Il-ħidma pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ fil-parroċċa

> "Meta (l-Papa Benedittu) kien għadu l-Kardinal Ratzinger, kiteb ktieb 'Il-Melħ tal-Art', fl-1996. Qal ħaġa li aħna, nemmen li rridu nirriflettu ħafna fuqha – mhux f'kuntest ta' gruppi qed ngħid, imma ta' parroċċa: Fil-futur se tkun anqas identifikata mas-soċjetajiet il-kbar u iktar ma' Knisja li tkun tgħix fi ċrieki iżgħar ta' nies li huma tassew konvinti mill-fidi tagħhom u jgħixuha. Jien konvint li l-parroċċa tibqa' ċ-ċellola essenzjali tal-ħajja tal-komunità".
>
> – Arċisqof Mons. Pawl Cremona OP, 20ta' April 2007[1]

F'dokument li nedew ftit snin ilu, l-Isqfijiet Amerikani taw deskrizzjoni tassew sabiħa ta' x'realtà għandha tkun il-parroċċa għaż-żgħażagħ. Huma jgħidu li l-parroċċa, bħala komunità ta' fidi, ta' azzjoni u ta' tama, għandha tkun il-post fejn l-adolexxenti u ż-żgħażagħ jikbru f'Ġesù Kristu u jkunu dixxipli tiegħu. Fil-parroċċa, iż-żgħażagħ għandhom iħossu ċertu *sense of belonging* u li huma tassew aċċettati bħala membri sħaħ tal-komunità.

Huma jkomplu jgħidu li "il-parroċċa għandha wkoll tkun post fejn l-adolexxenti u ż-żgħażagħ jirrikonoxxu t-talenti speċjali li huma għandhom u l-irwol tagħhom fil-ħajja tal-Knisja. Huma jġibu fil-komunità parrokkjali element ta' żgħożija, enerġija, vitalità, tama u viżjoni. Fil-parroċċi, iż-żgħażagħ għandhom bżonn li jkun hemm varjetà wiesgħa ta' opportunitajiet biex jużaw it-talenti tagħhom u biex jesprimu l-fidi tagħhom permezz ta' rwoli sinifikanti. Huma jistgħu biss jiżviluppaw spirtu ta' impenn fil-komunità permezz ta' involviment fil-ħafna modi ta' kif il-Knisja teżerċita u twettaq il-missjoni tagħha. B'mod partikolari, hi kruċjali l-interazzjoni ma' dawk li ħadu impenn għal ħajjithom biex iservu lill-Knisja bħall-qassisin, sorijiet, brothers u djakni."[2]

F'dan l-istess dokument insibu wkoll is-suġġeriment li, biex fil-parroċċi tiġi assigurata l-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ, "hemm bżonn li l-parroċċi jsiru iżjed komunitajiet "youth-friendly" fejn iż-żgħażagħ huma tassew preżenti fil-ħajja tal-parroċċa. Dawn huma komunitajiet li jagħtu valur liż-żgħażagħ - li jilqgħuhom f'nofshom; jisimgħuhom; jirrispondu għall-bżonnijiet tagħhom; jagħtuhom sapport permezz tat-talb, ħin, faċilitajiet u assistenza finanzjarja. Dawn huma komunitajiet parrokkjali li jaraw liż-żgħażagħ bħala riżorsi – li jagħrfu r-rigali u t-talenti tagħhom, jagħtuhom rwoli bis-sens fit-tmexxija u fil-ministeri, u jinkoraġixxu l-kontribuzzjonijiet tagħhom. Dawn huma l-komunitajiet parrokkjali li jipprovdu liż-żgħażagħ b'opportunitajiet ta' relazzjonijiet interġenerazzjonali – jiżviluppaw relazzjonijiet ma' adulti li jservu bħala role models u mentors. Fil-qosor, komunitajiet parrokkjali "youth friendly" jieħdu impenn lejn iż-żgħażagħ u l-iżvilupp tagħhom."[3]

1.1 Għal min huma mmirati dawn il-linji-gwida?

Dawn il-linji gwida huma mfassla għal dawk il-persuni li huma f'pożizzjoni ta' tmexxija fil-qasam tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ fil-parroċċi biex ikunu ta' għajnuna għalihom f'din il-ħidma pastorali. Għalhekk id-destinatarji ta' dawn il-linji gwida huma b'mod partikolari:

- Il-Kappillani/Arċiprieti/Retturi tal-parroċċi
- Saċerdoti li qed jaħdmu maż-żgħażagħ
- Youth Leaders
- Youth Ministers[4]
- Membri fil-Kummissjoni Parrokkjali Adolexxenti u Żgħażagħ (KPAŻ)
- Persuni fil-liturgy teams li jieħdu ħsieb l-animazzjoni tal-quddiesa miż-żgħażagħ

1.2 Bżonn ta' pedament sod

"Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik id-dar, iżda ma ġġarrfitx għax kellha s-sisien tagħha fuq il-blat." (Mt 7, 25)

Ħassejna wkoll il-bżonn li dawn il-linji gwida ma jħarsux biss lejn il-ħidma fiha nnifisha iżda qabel xejn iħarsu lejn il-pedamenti li fuqhom tinbena din il-ħidma. Hekk kif pedamenti soda jagħmlu bini sod, preparazzjoni tajba u koordinament serju jagħmlu pastorali ħajja li tħalli l-frott. Viżjoni ċara, għanijiet li joħorġu minn din il-viżjoni, pjanar tajjeb u operaturi pastorali ffurmati, huma xi whud mill-pedamenti li fuqhom tinbena ħidma pastorali b'saħħitha. Għalhekk dawn il-linji gwida ser jippruvaw joffru għajnuniet sabiex il-pedament tal-ħidma pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ ikun tassew wieħed tajjeb u sod.

1.3 L-adolexxenti u ż-żgħażagħ...min huma?

> "Iż-żgħożija tista' titqies bħala fażi ta' transizzjoni mid-dinja tat-tfulija għal dik adulta. (Iż-żgħażagħ huma) dawk il-persuni li għadhom ma ħadux impenn stabbli fil-ħajja, li tibda mill-perjodu tal-adolexxenza sa qabel l-età adulta." AŻ 5.

F'dan l-istadju, hu importanti li naraw min huma l-persuni li fuqhom u fuq il-ħidma pastorali magħhom ser jitkellmu dawn il-linji gwida. Mhuwiex l-iskop ta' dawn il-linji gwida li jidħlu fid-dettalji tas-suġġett daqskemm li jenfasizzaw l-importanza li qabel ma wieħed jibda l-ħidma tiegħu, ikun jaf sewwa lil dawk li ser jaħdem magħhom. Saru diversi riċerki u nkitbu ħafna kotba li jagħtu informazzjoni tajba dwar l-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Huwa dmir ta' kull operatur pastorali li jaħdem f'dan il-qasam li jfittex, jaqra u jżomm ruħu aġġornat dwar l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, dwar il-psikoloġija tagħhom u anke dwar l-ambjent soċjali li ġejjin minnu.[5]

1.4 Iż-żgħażagħ: Il-preżent u l-futur

Kif tgħid sewwa l-preżentazzjoni tad-dokument Adolexxenti u Żgħażagħ, "iż-żgħażagħ (f'etajiet differenti) mhumiex biss 'il-Knisja ta' għada' imma huma parti importanti mir-realtà tal-Knisja tal-lum.' Insibu wkoll li 'l-Knisja trid tagħraf li ż-żgħażagħ mhumiex biss proġett futur imma wkoll membri responsabbli, sħaħ u preżenti tagħha...u li huma jistgħu, u ħafna drabi fil-fatt, jagħtu kontribut siewi." (AŻ 13). Għalhekk jeħtieġ li nibdew inħarsu lejn l-adolexxenti u ż-żgħażagħ mhux biss bħala l-futur tal-Knisja iżda wkoll bħala l-preżent u għaldaqstant nibdew nagħtuhom l-attenzjoni li tixirqilhom.

> ‘Intom żgħażagħ, m’intomx biss il-futur tal-Knisja u tal-umanità, qisu nistgħu b’xi mod naħarbu mill-preżent. Bil-kuntrarju: intom, intom dak iż-żagħżugħ (għani) llum; intom, intom dak iż-żagħżugħ fil-Knisja u fl-umanità llum. Intom, intom il-wiċċ żagħżugħ tiegħu. Il-Knisja għandha bżonnkom, bħala żgħażagħ, biex turu lid-dinja il-wiċċ ta’ Ġesù Kristu, viżibbli fil-komunità Nisranija. Mingħajr dan il-wiċċ żagħżugħ, il-Knisja tidher sfigurata.’ - Papa Benedittu XVI, 10 ta’ Mejju 2007.[6]

1.5 Adolexxenti u Żgħażagħ: Persuni distinti

Għalkemm dawn il-linji gwida, bħal fil-każ tad-dokument Adolexxenti u Żgħażagħ jgħaqqdu l-ħidma pastorali tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ flimkien, dan ma jfissirx li huma grupp wieħed. L-adolexxenti u ż-żgħażagħ huma differenti minn xulxin u għalhekk m’għandniex inħarsu lejhom jew nippjanaw u nwettqu ħidma magħhom daqs li kieku l-istess. Lanqas l-individwi f’dawn il-kategoriji ma huma kollha l-istess. Hemm differenza bejn adolexxent/a ta’ tnax-il sena u adolexxent/a ta’ ħmistax jew bejn żagħżugħ/a ta’ sittax-il sena u żagħżugħ/a ta’ ħamsa u għoxrin – u għalhekk ma nistgħux nagħmluhom kollha fl-istess keffa.

Għall-iskop ta’ dawn il-linji gwida, b’adolexxenti nifhmu dawk is-subien u bniet li għandhom bejn it-tnax u l-ħmistax-il sena.[7] F’dan iż-żmien l-adolexxenti jkunu għaddejjin minn perjodu ta’ transizzjoni fil-ħajja tagħhom. Fi kliem sempliċi nistgħu ngħidu li f’dan iż-żmien, minn tfal ikunu qed isiru adulti żgħar. Għalhekk, l-adolexxenza hi fażi tal-ħajja li ġġib magħha tibdil u żvilupp kbir fl-individwu, speċjalment fuq livell fiżiku, emozzjonali u intelletwali. Hu importanti ħafna li dawk kollha li qed jaħdmu jew jiġu f’kuntatt mal-adolexxenti, jżommu f’moħħhom dan it-tibdil li jkun qed isir fihom.

Iż-żgħożija tiġi bejn l-adolexxenza u l-ħajja adulta u ż-żgħażagħ huma dawk it-tfajliet u l-ġuvintur bejn sittax u ħamsa u għoxrin sena. F’dan iż-żmien, l-individwi xorta waħda jkunu għaddejjin minn żmien ta’ tibdil – l-iżvilupp ma jiqafx u jkun hemm ukoll tibdil fl-irwol u r-responsabbiltajiet tagħhom soċjali.

Minħabba dan it-tibdil u l-iżvilupp kollu li l-adolexxenti u ż-żgħażagħ ikunu għaddejjin minnu fil-ħajja tagħhom, fejn huma jkunu qed jaraw fejn u kif se jpoġġu saqajhom, huma jeħtieġu attenzjoni akbar. Jibdew jesperjenzaw affarijiet ġodda, jisfidaw dak li għall-adulti jista' jkun stabbilit, jistaqsu dwar kollox u jiddubitaw anke minn dak li meta kienu iżgħar kienu jaċċettaw faċilment. F'dan il-kuntest nifhmu aktar kemm f'dan iż-żmien hija importanti pastorali integrata[8] u b'saħħitha.

1.6 L-Operaturi Pastorali[9]

Biex issir ħidma fl-għalqa tal-pastorali, jeħtieġ li jkun hemm ħaddiema biex iwettquha. Min ikun imsejjaħ biex iwettaq din il-ħidma u jwettaqha, jissejjaħ operatur pastorali. Madanakollu, dan ma jfissirx li kull min jaħdem maż-żgħażagħ huwa operatur pastorali. Biex wieħed ikun operatur pastorali jrid:

- Jieħu l-formazzjoni meħtieġa, kemm fuq livell uman, kif ukoll fuq dak spiritwali u akkademiku.
- Jaħdem biex l-adolexxenti u ż-żgħażagħ isiru jafu iżjed lil Ġesù, isaħħu r-relazzjoni tagħhom miegħu, jikbru fih u jħobbuh biex hekk titwettaq l-evanġelizzazzjoni.
- Jaħdem f'komunjoni mal-Knisja, id f'id magħha u f'isimha.
- Ikun *accountable* lejn il-Kappillan/Arċipriet li finalment hu responsabbli mill-pastorali fil-parroċċa.[10]
- Iżomm ukoll kuntatt mal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ

1.7 Min għandu jkun involut fil-ħidma pastorali maż-żgħażagħ?

Il-ħidma pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ għandha tinteressa mhux biss lil dawk l-operaturi pastorali li jaħdmu direttament magħhom bħalma huma l-membri tal-KPAŻ, l-operaturi pastorali li jaħdmu mal-adolexxenti u ż-żgħżagħ u ż-żgħażagħ impenjati. Għandha tinteressa wkoll lil persuni oħra bħalma huma l-Kappillan/Arċipriet, il-kleru u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali li huma responsabbli mill-ħidma pastorali ġenerali tal-parroċċa. Għalkemm dawn forsi mhux dejjem jaħdmu direttament mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ, din il-ħidma pastorali tinteressahom mill-qrib għax finalment taqa' taħt ir-responsabbiltà tagħhom bħala aspett importanti tal-pastorali tal-parroċċa.

Dan hu importanti biex nevitaw li l-ħidma mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tkun ħidma pastorali iżolata. Il-pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ trid tkun parti minn pastorali sħiħa fuq livell ta' parroċċa u l-viżjoni ta' din il-pastorali trid tkun parti mill-viżjoni aktar wiesgħa tad-djoċesi.

1.8 Erba' dimensjonijiet tal-pastorali

Id-dokument tas-Sinodu Adolexxenti u Żgħażagħ jibni l-hidma pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ fuq erba' dimensjonijiet li huma:

- Il-Ħajja Komunitarja
- Ix-Xandir tal-Kelma
- Iċ-Ċelebrazzjoni
- Id-Djakonija

Biex il-ħidma mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tkun verament ħidma pastorali ħolistika u b'saħħitha trid tinkludi dawn l-erba' dimensjonijiet u tkun miftuħa, mifruxa u mdaħħla fl-istess ħajja tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ – jiġifieri f'dak li jagħmlu u f'dak li jħobbu.[11]

Noti

1 Parti mill-indirizz ta' Mons. Pawl Cremona OP waqt laqgħa ta' formazzjoni għall-membri tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali.

2 *Sons and Daughters of the light: A Pastoral Plan for ministry with young adults http://www.usccb.org/laity/ygadult/publications.shtml*

3 Ibid.

4 Il-kelma ġenerali li ser tintuża għal dawk li jaħdmu fil-ministeru ma' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ (bħalma huma *youth leaders* u *youth ministers*) ser tkun 'operaturi pastorali'.

5 Għal dan il-għan, wieħed jista' jista' jara xi *journals* li jinsabu fir-*resource centre* tal-KDŻ bħalma huma il-*Journal of Adolescent Ministry* u l-*Youth and Society.*

6 Parti mid-diskors tal-Papa Benedittu fil-laqgħa li kellu maż-żgħażagħ fil-'Paulo Machade de Carvalho' f'Pacaembu ġewwa Sau Paulo.

7 Bejn it-12 u s-16-il sena huma dawk li jkunu fl-iskola sekondarja allura niġbruhom flimkien għal raġunijiet prattiċi u organizzattivi.

8 B'pastorali integrata nifhmu pastorali li tinkludi l-aspetti kollha tal-ħajja ta' l-adolexxent u ż-żagħżugħ u li tħares lejn l-adolexxenti u ż-żgħażagħ b'mod ħolistiku.

9 Wieħed għandu jara kapitlu 5 ta' dawn il-linji-gwida li jkomplu jiftħu fuq il-missjoni u l-irwol ta' l-operaturi pastorali li jaħdmu ma' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

10 Fejn operatur pastorali jkun parti minn għaqda jew ordni reliġjuż, dan għandu jkun 'accountable' għas-superjuri ta' l-għaqda jew ordni tiegħu.

11 Kapitli 7, 8, 9 u 10 ser jidhlu aktar fid-dettall f'kull wieħed minn dawn l-aspetti tal-ħidma pastorali.

{2}
Youth Ministry:
Il-viżjoni, il-missjoni u l-għanijiet

Meta xi ħadd ikun se jagħmel vjaġġ, qabel ma jitlaq ikollu diġà ċar f'moħħu tal-anqas dawn l-affarijiet: i) fejn irid imur ii) kif u meta se jasal hemm u (iii) għalfejn se jmur hemm. U biex żgur jasal fid-destinazzjoni li jkun jixtieq, matul it-triq iżomm dejjem f'moħħu il-post li jrid jasal fih.

Fil-pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tajjeb li jsir l-istess – jeħtieġ li dawk li jkunu qed iwettqu ħidma pastorali jkunu jafu sewwa fejn iridu jaslu, kif u meta se jaslu u għalfejn iridu jaslu hemm. Fi kliem ieħor, dawn huma l-viżjoni, il-missjoni u l-għanijiet. Meta l-operaturi pastorali jżommu dawn it-tlieta quddiem għajnejhom, ikun ħafna eħfef għalihom li jilħqu l-miri tagħhom u jaslu fejn verament jixtiequ li jaslu mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

2.1 Youth Work u Youth Ministry

F'dan l-istadju, tajjeb li ssir distinzjoni ċara bejn ħidma u ħidma pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ – fi kliem ieħor, bejn youth work u youth ministry. Kif diġà ntqal qabel, mhux kull min jaħdem mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ ikun qiegħed iwettaq pastorali magħhom. Biex nagħrfu jekk il-ħidma li tkun qed issir hix tassew ħidma pastorali rridu nħarsu lejn il-viżjoni, il-missjoni u l-għanijiet ta' dik il-ħidma.

Biex fil-ħidma li ssir mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tkun qiegħda ssir pastorali, jeħtieġ li l-missjoni, l-viżjoni u l-għanijiet ta' dik il-ħidma jkunu mibnija fuq dak li jgħid id-dokument tas-Sinodu Djoċesan dwar il-ħidma pastorali[12] – jiġifieri li din trid twassal lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ jagħrfu li:

- Alla hu l-ħajja u l-imħabba
- Hu Alla li jeħlisna minn kull sitwazzjoni li ġġib mewt magħha
- Alla jidħol fl-istorja ta' kull bniedem
- Kristu hu ċ-ċentru ta' kull azzjoni
- Alla hu magħna u jimxi magħna tul ħajjitna kollha
- Il-bniedem permezz tal-ħajja fi Kristu hu merfugħ għal dinjità ogħla

Minn dan joħroġ ċar li ċ-ċentru ta' kull ħidma pastorali huwa Alla - wieħed fi tliet persuni, u li din il-ħidma trid tgħin lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ jagħrfuh dejjem iżjed. Jekk fiċ-ċentru tal-ħidma li ssir ma jkunx hemm l-evanġelizzazzjoni, dik il-ħidma ma tistax tissejjaħ ħidma pastorali – anke jekk din tkun qed issir f'ċentru tal-Knisja jew minn persuni mqabbda mill-Kappillan/Arċipriet. Għaldaqstant jeħtieġ li nkunu ċerti li fl-għaqdiet u fiċ-ċentri tal-Knisja:

- Tkun qiegħda tassew issir pastorali – jiġifieri li tkun qed issir *youth ministry* minħabba l-missjoni li l-Knisja għandha li tgħix u xxandar l-Evanġelju (ara Mt 27, 19-20)
- L-evanġelizzazzjoni tkun fiċ-ċentru tal-ħidma tagħna u mhux sempliċement waħda mill-ħafna affarijiet li nagħmlu. Kull azzjoni li nagħmlu, kull attività eċċ trid issir bi skop ta' pastorali.

Iċ-ċentri u l-għaqdiet tal-Knisja jridu jkunu tassew mibnija fuq l-Evanġelju ħalli f'dak kollu li jagħmlu, jgħinu lill-adolexxenti u liż-żgħażagħ jifhmu x'jiġifieri li tkun Nisrani u li tgħix ta' Nisrani. Dan ma jsirx biss permezz ta' katekeżi formali iżda wkoll permezz ta' relazzjonijiet b'saħħithom, konversazzjonijiet informali, logħob, parteċipazzjoni fl-isport u d-drama, arti, mużika, avventura, ċittadinanza attiva, ġemellaġġi, ħarġiet kif ukoll permezz tal-preżenza – li wieħed ikun hemm għalihom. L-importanti hu li dak kollu li nagħmlu jkun qiegħed iwassal lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ fdati f'idejna biex isiru jafu iżjed lil Alla hekk kif inhu rivelat fi Kristu u biex isiru dixxipli aħjar tiegħu. Dan jgħin lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ jikbru b'mod tassew sħiħ – jiġifieri fil-ġisem, fil-qalb, fil-moħħ u fir-ruħ.

Minn dan kollu joħroġ aktar biċ-ċar kemm huwa importanti li qabel ma nibdew bil-ħidma pastorali tagħna:

a) nagħrfu sewwa r-responsabbilità li Alla qed jafda f'idejna;
b) noħolqu viżjoni soda;
c) insawru missjoni fuq din il-viżjoni u
d) nibnu l-għanijiet ħalli jgħinuna nilħqu l-miri tagħna.

Dawk l-operaturi pastorali li huma *youth ministers* għandhom bżonn il-ħiliet illi huma mħarrġin fihom u għalihom il-*youth workers*.

2.2 Il-Viżjoni tal-ħidma pastorali: fejn irridu naslu?

Il-viżjoni tal-ħidma pastorali hi l-ewwel ħaġa li jeħtieġ li tkun iċċarata. Fejn trid tasal il-ħidma pastorali partikolari? Fejn trid twassal lil min jieħu sehem fiha? Il-viżjoni tiġbor fiha l-mira ġenerali, id-destinazzjoni finali li fiha rridu naslu bil-ħidma pastorali tagħna. Qed jitħejja dokument ta' strateġija ta' evanġelizzazzjoni għal żgħażagħ minn 16-il sena 'l fuq.

Idealment, il-ħolqien tal-viżjoni jsir qabel ma tinbeda l-ħidma mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Fejn għad mhemmx viżjoni ċara, tajjeb li din tiġi identifikata immedjatament. Il-viżjoni trid tiġbor fiha l-ħolma tal-parroċċa għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna: l-ideal li qiegħed jiġi propost għall-ministeru magħhom. Tajjeb li nistaqsu:

X'nixtiequ għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ li ser ikunu - jew li qegħdin - taħt il-kura tagħna?

- Min huma ż-żgħażagħ?
- F'liema stadju tal-mixja qegħdin?
- X'inhuma l-forzi li qed jinfluwenzawhom?
- X'inhuma l-ħtiġijiet veri tagħhom?

L-importanza tal-viżjoni tiġi mhux biss għax toħloq sens ta' organizzazzjoni u direzzjoni imma wkoll għax tippreżenta ideal li lejh ikunu jħarsu l-adolexxenti u ż-żgħażagħ infushom. Għaldaqstant, il-viżjoni trid tkun verament pożittiva u ta' ispirazzjoni.

Fid-djoċesi ta' Malta, għandna l-grazzja li matul is-Sinodu Djoċesan ġiet imsawra viżjoni djoċesana għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ li wara mixja twila u diversi studji, diskussjonijiet u dixxerniment, ġiet miktuba u llum nistgħu nsibuha fid-dokument tas-Sinodu Adolexxenti u Żgħażagħ. Għalhekk, hu importanti li l-viżjoni tagħna fuq livell ta' parroċċa, għaqda jew moviment tkun parti minn din il-viżjoni wiesgħa li d-djoċesi qed tipproponi. (ara d-dokument ta' Strateġija ta' Evanġelizzazzjoni 16+)

Hu wkoll importanti ħafna li l-operaturi pastorali kollha tal-parroċċa jkunu jemmnu fil-viżjoni li tiġi identifikata. Ma naslu mkien jekk il-KPAŻ jew il-mexxejja taċ-ċentri u l-għaqdiet ma jkunux jemmnu fil-viżjoni tal-parroċċa u ma jagħmluhiex tagħhom. Ikun għalxejn li tinħoloq viżjoni waħda għall-parroċċa jekk kulħadd jibqa' jaħdem għal rasu u jmexxi skont viżjonijiet differenti. Minkejja dan, għandna wkoll noqogħdu attenti li meta ngħidu li għandu jkun hemm viżjoni waħda, dan ma jfissirx li kull għaqda u moviment għandha 'tissagrifika' l-kariżma tagħha għal din il-viżjoni. Għall-kuntrarju, kull kariżma għandha tgħin biex il-viżjoni titwettaq b'mod isbaħ u aktar ħolistiku. Parroċċa b'saħħitha hi parroċċa li kapaċi tintegra dawn il-kariżmi kollha f'viżjoni waħda għall-ġid tal-istess komunità parrokkjali.

Biex dan isir, hemm ukoll bżonn ta' mumenti flimkien (eż. seminars jew laqgħat) fejn min ikun ħadem biex ifformula din il-viżjoni, jwassalha u jispjegaha lill-operaturi pastorali kollha. Hawnhekk, b'operaturi pastorali qed nifhmu wkoll dawk li qed jaħdmu f'oqsma oħrajn fil-parroċċa. Il-pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ hi parti minn pastorali akbar u għalhekk il-viżjoni tagħna ma tistax tkun mifruda/mhux magħrufa mill-aspetti l-oħra tal-pastorali tal-parroċċa.

2.3 Il-Missjoni: Issa li nafu fejn irridu naslu, liema hi t-triq li twassalna?

B'viżjoni ċara f'moħħna, jeħtieġ imbagħad li nkunu nafu kif ser nilħquha. Il-missjoni tiddefinixxi liema hi t-triq li għandha tieħu l-ħidma pastorali biex tintlaħaq il-viżjoni. Il-missjoni u l-viżjoni huma marbutin ma' xulxin. Biex noħolqu l-missjoni tagħna rridu nistaqsu lilna nfusna:

- Kif ser naslu biex inwettqu din il-viżjoni?
- Liema huma t-toroq li jwassluna fid-destinazzjoni li nkunu identifikajna fil-viżjoni?

Il-missjoni tgħinna biex nifhmu aħjar liema azzjonijiet għandna nagħmlu u liema ħidmiet għandna nwettqu, dejjem biex nilħqu l-mira tagħna. Il-missjoni tkun dejjem l-iskop aħħari wara kull azzjoni.

2.3.1 Mission Statements

Biex ilkoll ikollna f'moħħna d-direzzjoni u d-destinazzjoni tal-ħidma pastorali, tajjeb li jinħoloq *mission statement* li jiġbor fih dan kollu ħalli kulħadd ikun jista' jirreferi għalih fil-ħidma pastorali li tkun qed issir. Il-*mission statement* jiġbor fih il-viżjoni u l-missjoni tal-entità.

Kif jissawwar *mission statement*? Il-*mission statement* għandu jkun kemm jista' jkun fil-qosor. Ġeneralment ma jkunx twil aktar minn sentenza. Importanti li jkun iffukat u li jinkludi fih dawn il-punti li ġejjin:

- Min hi l-parroċċa/l-organizzazzjoni
- Fejn trid tasal/x'tixtieq li tilħaq
- Kif ser tasal
- Ma' min

Eżempju ta' *mission statement*:

> Bħala l-organu uffiċjali tal-Knisja f'Malta biex din taqdi aħjar il-missjoni tagħha ta' evanġelizzazzjoni taż-żgħażagħ, il-KDŻ tfittex li tiżviluppa, tikkoordina u tħares il-ħidma pastorali maż-żgħażagħ f'Malta.[13]

Hawn min jippreferi li flok *mission statement* wieħed ikollu tnejn: vision statement – li jiddefinixxi l-viżjoni u *mission statement* – li jiddefinixxi l-missjoni. L-importanti hu li l-viżjoni u l-missjoni jkunu ċari f'moħħ min ikun qed iwettaq il-ħidma pastorali.

Irridu wkoll inżommu f'moħħna li minn żmien għal żmien għandha ssir evalwazzjoni tal-*mission statement*. Dan biex naraw kemm verament qed jintlaħaq, kemm il-ħidma pastorali qed timxi fuqu u fl-istess ħin naraw ukoll jekk il-*mission statement* baqax jirrifletti l-bżonnijiet tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ li nkunu qed naħdmu magħhom.

2.4 L-għanijiet: jekk it-triq nafuha, x'jeħtieġ li jsir biex naslu?

Biex inwettqu l-missjoni tagħna, tajjeb li jkollna wkoll lista ta' għanijiet. Dawn l-għanijiet iservuna bħal skaluni żgħar, li marbutin flimkien iwassluna biex inwettqu l-missjoni tal-ħidma pastorali tagħna u jgħinuna nilħqu l-viżjoni.
L-għanijiet jaqsmu l-missjoni tagħna f'partijiet – miri żgħar. Peress li huma miri żgħar, dawn ikunu ffukati fuq parti waħda tal-pastorali u għalhekk ikun ħafna aktar faċli għalina li naħdmu fuqhom. Għalkemm kull għan ikollu mira fih innifsu, l-għanijiet kollha jintrabtu flimkien biex iwettqu missjoni waħda.

L-għanijiet iridu jiddeskrivu kif fil-prattika ser nilħqu l-missjoni tagħna. Huwa importanti li dawn ikunu jinftiehmu, dettaljati u speċifiċi – importanti li jkunu hekk sabiex meta ssir evalwazzjoni tal-pastorali nkunu nafu jekk wasalniex fejn ridna jew le – jekk ilħaqniex l-għanijiet tagħna jew le.

Biex nagħtu eżempju ta' għanijiet, dawn li ġejjin huma l-għanijiet tal-KDŻ:

- tisma' l-bżonnijiet taż-żgħażagħ billi, minn żmien għal żmien, tagħmel/tikkummissjona riċerki f'oqsma relatati mal-ħajja ta' kuljum taż-żgħażagħ;
- tistħarreġ u tevalwa l-ħidma pastorali fost iż-żgħażagħ;
- fuq il-bażi ta' din ir-riċerka u ta' proċess ta' dixxerniment, tħejji pjanijiet għall-pastorali taż-żgħażagħ u taħdem b'mod strateġiku u professjonali fuq is-setturi kollha tal-ħajja taż-żgħażagħ: parroċċi, xogħol, edukazzjoni, qasam soċjali u divertiment/rikreazzjoni;
- tkun vuċi taż-żgħażagħ fil-Knisja u vuċi taż-żgħażagħ fis-soċjetà;
- tagħti pariri lill-Arċisqof u lill-organi pastorali tal-Knisja fuq id-dinja taż-żgħażagħ.
- toffri servizz ta' formazzjoni kontinwa tal-operaturi pastorali;
- tibni u toffri riżorsi fil-qasam tal-ħidma maż-żgħażagħ; u toffri servizzi ta' konsulenza.

X'tip ta' għanijiet għandu jkollhom entitajiet pastorali fil-qasam tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ? Dawn li ġejjin huma wħud mill-għanijiet l-aktar importanti li għandu jkollha l-pastorali tagħna:

1. Li toffri ambjent u spazju fejn iż-żgħażagħ ikunu milqugħa u jħossuhom parti minn komunità.
2. Li toffri servizz ta' formazzjoni ħolistika b'mod regolari liż-żgħażagħ tagħha
3. Li toffrilhom esperjenza ta' djakonija għall-inqas darba fis-sena.
4. Li twassalhom jesperjenzaw iċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija b'mod ħaj u żagħżugħ.

2.5 Il-viżjoni, il-missjoni u l-għanijiet bħala parti mill-pjan pastorali tal-parroċċa

Tkun ħaġa tassew sabiħa u professjonali li l-viżjoni, il-missjoni u l-għanijiet ikunu parti mill-pjan pastorali tal-parroċċa. B'hekk, kull azzjoni li tkun se ssir fil-parroċċa titqiegħed fid-dawl ta' fejn irridu naslu u bil-miri dejjem preżenti quddiem għajnejna, dawn ikunu iżjed faċli li jintlaħqu. Ġeneralment, dawn jinkitbu fil-bidu tal-pjan.

Noti

[12] Ara d-Dokument tas-Sinodu Djoċesan Adolexxenti u Żgħażagħ 2.

{3}
L-Ippjanar

Fid-dokument tas-Sinodu Viżjoni ta' Knisja Komunjoni, insibu li: "Dixxerniment fuq livelli differenti jgħin biex ikun hemm pjanifikazzjoni aħjar. Viżjoni ċara, pjanifikazzjoni skont objettivi u tmexxija b'saħħitha jgħinu l-Knisja taqdi aħjar il-missjoni tagħha" (VK 39).

3.1 Għalfejn hu importanti li nippjana?

Hemm diversi vantaġġi marbuta mal-ippjanar tal-ħidma pastorali tagħna. Li tippjana jgħinek:

- Tifhem fejn trid tasal u tipprova tasal hemm
- Toħlom u ssib mod kif dan il-ħolm tista' twettqu
- Twieġeb għall-bżonnijiet taż-żgħażagħ b'mod aktar studjat
- Torganizza l-ħidma li qed issir jew li ser isir aktar milli toħloq inizjattivi sparpaljati
- Tnaqqas id-duplikazzjoni tax-xogħol eż. Ħela ta' riżorsi, okkażjonijiet fl-istess ġranet.
- Toħloq atmosfera ta' kollaborazzjoni.
- Tgħinek tagħmel evalwazzjoni kontinwa tal-ħidma tiegħek.

{ L-ippjanar jiċċara l- viżjoni, joħloq direzzjoni u jitlob azzjoni }

3.2 Ir-riċerka: hi meħtieġa f'livell ta' parroċċa?

Minkejja li fid-dokument Adolexxenti u Żgħażagħ insibu li hemm bżonn li ssir riċerka 'wiesgħa' (ara AŻ 4), stħarriġ fuq livell ta' parroċċa jista' jkun għodda importanti biex l-ippjanar isir b'mod iżjed professjonali u realistiku. Permezz ta' dan l-istħarriġ jista' jkun hemm

iżjed dawl fuq kemm adolexxenti u żgħażagħ jattendu l-għaqdiet tal-parroċċa, kif iż-żgħażagħ iqattgħu l-ħin liberu tagħhom u jekk jattendux il-quddies tal-Ħadd fost ħafna affarijiet oħrajn. Dan ifisser li jkun ideali li l-ippjanar isir wara li l-parroċċa tkun:

- Semgħet il-bżonnijiet taż-żgħażagħ permezz ta' riċerka f'oqsma relatati mal-ħajja ta' kuljum taż-żgħażagħ.
- Stħarrġet u għamlet dixxerniment fuq il-ħidma pastorali li diġà qed issir maż-żgħażagħ.

Bħala għajnuna għal dan, wieħed isib *standard survey* li jista' jintuża mill-parroċċi fuq il-websajt tal-Kummissjoni www.kdz.org.mt.

3.3 Tipi differenti ta' ppjanar

Jeżistu tipi differenti ta' ppjanar. Fil-paragrafi li ġejjin ser nagħtu ħarsa lejn *short-term/micro plan* u lejn *long-term/macro plan*.

3.3.1 *Short-term/micro plan*

Pjan short-term jew micro-plan huwa pjan li jirreferi għal ammont ta' żmien qasir, eż. it-tliet xhur tas-sajf. Jista' wkoll ikun pjan li jipprepara għal żmien partikolari e.ż żmien l-Avvent u l-Milied jew żmien ir-Randan (eżerċizzi, laqgħat, Via Sagra għaż-żgħażagħ eċċ.) Minkejja li pjan *short-term* huwa tajjeb, xorta waħda hemm bżonn li dan jiġi nkorporat fi pjan iżjed wiesa', biex id-diversi inizjattivi fil-ħidma pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ jorbtu bejniethom.

3.3.2 *Long-term/Macro plan*

Mis-Sinodu Djoċesan 'l hawn, saret iżjed enfasi biex il-ħidma ta' parroċċa tiġi ppjanata u biex kull parroċċa jkollha l-pjan pastorali tagħha. Dan, għalhekk, ifisser li jrid ukoll isir *long-term planning* tal-ħidma pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ fil-parroċċa.

Kif tippjana fuq livell ta' parroċċa?

- Inżomm il-missjoni u l-għanijiet f'moħħi
- Ikolli ċar f'moħħi fejn irrid nasal
- Inġib flimkien liż-żgħażagħ, lill-KPAŻ u l-għaqdiet biex nippjanaw. Importanti li jkun hemm nies minn oqsma u għaqdiet differenti ħalli l-pjan ikun rikk b'ħafna ideat.
- Inkun naf x'riżorsi umani, materjali u finanzjarji għandi, kemm fil-parroċċa u anke lil hinn minnha.

Hemm bżonn ukoll li noħloq prijoritajiet:

- Nagħżel il-ħidmiet li ser nagħmel fil-perjodu li ġej b'mod realistiku u konkret.
- Nara min se jkun responsabbli minn kull ħidma. Niddelega x-xogħol b'mod ġust.

3.4 It-tfassil u t-twettiq tal-pjan

Hi responsabbilità tal-KPAŻ li, flimkien mal-Kappillan/Arċipriet tikkoordina l-ippjanar tal-ministeru mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ fil-parroċċa. Dan ifisser li l-KPAŻ trid:

- Issejjaħ lil dawk kollha involuti li ser jagħmlu l-pjan u tara li tinkludi lil kulħadd.
- Tiddelega lill-għaqdiet il-ħidmiet li ser isiru
- Tara li l-ħidmiet qegħdin isiru
- Toffri l-appoġġ tagħha fejn hu meħtieġ
- Izomm kuntatt ħaj mal-Kappillan/Arċipriet u mal-KDŻ
- Tevalwa b'mod regolari dak li jkun ġie ppjanat u tara hemmx bżonn xi tibdil.
- Tagħmel rapport finali ta' dak li jkun ġara matul is-sena
- Tara li l-operaturi pastorali li jaħdmu mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ għandhomx il-preparazzjoni meħtieġa u tiffaċilita l-formazzjoni li jkollhom bżonn.

Dan il-pjan għandu jiġi integrat mal-pjan pastorali li l-parroċċa tfassal fil-mixja tagħha mad-djoċesi.

3.4.1 Accountability

Peress li kull parroċċa hi parti mid-djoċesi, tkun ħaġa sabiħa jekk kopja tal-pjan ta' ħidma u r-rapport tas-sena li jsiru mill-KPAŻ jingħataw lill-KDŻ. Dan anke jgħin biex il-KDŻ twettaq aħjar il-missjoni tagħha li tiżviluppa, tikkoordina u tħares il-ħidma pastorali maż-żgħażagħ f'Malta.

{4}
Il-Kummissjoni Parrokkjali Adolexxenti u Żgħażagħ (KPAŻ)

Fil-kapitli ta' qabel, issemmiet diversi drabi il-Kummissjoni Parrokkjali Adolexxenti u Żgħażagħ (KPAŻ). Issa jmiss li nidħlu iżjed fil-fond ta' xi tfisser din l-istruttura, x'inhu l-bżonn u l-ħidma tagħha u l-irwol li hi għandha fil-parroċċa.

4.1 Missjoni

Il-Kummissjoni Parrokkjali Adolexxenti u Żgħażagħ tikkoordina, tiżviluppa u tħares il-ħidma pastorali maż-żgħażagħ u l-adolexxenti fil-parroċċa.

4.2 Għanijiet

Il-Kummissjoni Żgħażagħ u Adolexxenti għandha:

- tidentifika kemm hemm adolexxenti u żgħażagħ fil-parroċċa, tara x'inhi r-realtà tagħhom (eż. studenti, ħaddiema, turisti, żgħażagħ li jattendu każini, għaqdiet mhux reliġjużi eċċ.) u x'inhuma l-ħtiġijiet pastorali tagħhom. Dan jista' jsir permezz ta' survey li hemm kopja tiegħu fil-websajt tal-Kummissjoni www.kdz.org.mt.
- Tħejji pjanijiet għall-pastorali taż-żgħażagħ u l-adolexxenti u taħdem b'mod strateġiku u professjonali fuq is-setturi kollha tal-ħajja taż-żgħażagħ u l-adolexxenti: xogħol, edukazzjoni, l-kamp soċjali u divertiment/rikreazzjoni;
- Tistħarreġ u tevalwa l-ħidma pastorali parrokkjali li tkun qed titwettaq fost iż-żgħażagħ u l-adolexxenti (*monitoring*);
- Tkun vuċi taż-żgħażagħ u l-adolexxenti fil-parroċċa, anke permezz ta' rappreżentanza fil-Kunsill Pastorali Parrokkjali (KPP);
- Tagħti pariri lill-Kappillan/Arċipriet fuq id-dinja taż-żgħażagħ u l-adolexxenti;
- Tara x'inhuma l-bżonnijiet tal-operaturi pastorali li jaħdmu mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ u tindirizzahom filwaqt li tara li għandhom il-formazzjoni meħtieġa;
- Tikkoordina l-ħidma tal-għaqdiet tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ fi ħdan il-parroċċa.

- Toħloq djalogu ma' għaqdiet taż-żgħażgħ fil-parroċċa u tara kif tista' tikkoordina proġetti flimkien magħhom li jkunu ta' ġid għaż-żgħażagħ
- Tara li ż-żgħażagħ membri tal-għaqdiet/gruppi parrokkjali jieħdu sehem attiv fl-attivitajiet parrokkjali li jkunu miftuħa għall-komunità parrokkjali eż. Assemblea, ċelebrazzjonijiet liturġiċi eċċ.

4.3 Punti Prattiċi: Ħarsien tal-erba' aspetti tal-pastorali

Aktar milli jiġu mibdija progġetti/ħidmiet/attivitajiet ġodda, il-KPAŻ għandha tara kif tista' ssaħħaħ dak li diġà jeżisti biex l-evanġelizzazzjoni u l-ħtiġijiet pastorali taż-żgħażagħ u l-adolexxenti fil-parroċċa jkunu jistgħu jintlaħqu u r-riżorsi eżistenti jiġu użati bl-aħjar mod possibbli.

Dan kollu għandu jsir billi l-KPAŻ tara li l-4 aspetti tal-pastorali maż-żgħażagħ u l-adolexxenti, kif jidhru fid-dokument Adolexxenti u Żgħażagħ qegħdin jiġu inklużi:

4.3.1 Il-Ħajja Komunitarja

i) Tara li jeżistu gruppi li fihom iż-żgħażagħ u l-adolexxenti jistgħu jimmaturaw fil-fidi.
   - Fejn diġà hemm għaqdiet/gruppi, ta' min nistaqsu:
   - Il-ħidma li qed issir, hi fil-fatt pastorali - li fil-qalba tagħha hemm l-evanġelizzazzjoni jew tieqaf fis-soċjali biss?
   - L-għanijiet tal-grupp/għaqda/ċentru huma ċari għal kulħadd?

ii) Tidentifika dawk l-okkażjonijiet li jistgħu jinħadmu f'kollaborazzjoni akbar eż. Quddies għaż-żgħażagħ fl-okkażjoni tal-festa; eżerċizzi tar-Randan; formazzjoni għall-operaturi pastorali kollha tal-parroċċa/unità f'daqqa.

iii) Toħloq/tiġi identifikata okkażjoni, għallinqas darba fis-sena, li fiha ż-żgħażagħ u l-adolexxenti tal-parroċċa jistgħu jiltaqgħu flimkien

iv) Jitħejja pjan skont iż-żmien propost mid-djoċesi għall-parroċċi li fih jitniżżlu l-attivitajiet tal-għaqdiet kollha tal-parroċċa.

4.3.2 Ix-Xandir tal-Kelma

i) Hemm programm li joħloq mixja ta' fidi?

ii) Qegħdin ngħinu liż-żgħażagħ u l-adolexxenti jinbnew fi Nsara konvinti?

iii) X'tip ta' formazzjoni qiegħda tingħata fil-laqgħat li jkollna?

iv) Qiegħdin nippreparaw u nafdaw liż-żgħażagħ u l-adolexxenti biex ikollhom opportunitajiet li fihom jistgħu jkunu protagonisti u evanġelizzaturi?

v) L-operaturi pastorali, kemm huma ffurmati u kemm qegħdin jieħdu ħsieb il-formazzjoni tagħhom?

4.3.3 Il-Liturġija

i) Il-liturġija qiegħda toffri spazju għaż-żgħażagħ u l-adolexxenti?

ii) Teżisti quddies tal-ħin li tkun animata miż-żgħażagħ u l-adolexxenti? Jekk le, kif tista' tiġi organizzata waħda fil-parroċċa/unità?

iii) X'sehem għandhom iż-żgħażagħ fil-quddies parrokkjali ta' tmiem il-ġimgħa?

iv) Qed jinħolqu opportunitajiet ta' talb liturġiku flimkien bħalma huma *prayer meetings, lectio divina*, irtiri, adorazzjonijiet eċċ.

v) Iż-żgħażagħ u l-adolexxenti qegħdin isibu ambjent akkoljenti biżżejjed biex jersqu għas-sagrament tal-qrar?

4.3.4 Id-Djakonija

i) Noffru esperjenzi li fihom iż-żgħażagħ u l-adolexxenti jagħrfu l-valur li jkunu ta' servizz għall-oħrajn jew fil-parroċċa jew anke lil hinn minnha?

ii) Kif nistgħu nindirizzaw liż-żgħażagħ u l-adolexxenti li huma 'l bogħod mill-Knisja?

iii) X'jista' jsir maż-żgħażagħ u l-adolexxenti li għandhom diffikultajiet?

4.4 Membri

Fil-KPAŻ għandu jkun hemm rappreżentant/a minn kull realtà (moviment/għaqda/grupp) ta' żgħażagħ u l-adolexxenti fil-parroċċa li għandhom l-għan ta' ħidma pastorali. Kull għaqda għandha tara li l-membru li tibgħat ikun jista' jimpenja ruħu/ha tal-anqas għal perjodu ta' sena.

F'każ ta' parroċċi li fihom in-numru tal-għaqdiet taż-żgħażagħ ikun żgħir, jew ikun hemm grupp wieħed, il-Kappillan/Arċipriet flimkien mar-rappreżentanti tal-għaqdiet eżistenti għandu jappunta numru suffiċjenti ta' lajċi mhux assoċjati fl-għaqdiet iżda li huma interessati mill-pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ biex jiffurmaw parti mill-KPAŻ. Dawn għandhom ukoll ikollhom preparazzjoni u formazzjoni adegwata fis-suġġett. M'għandha qatt tingħata r-responsabbilita` tal-pastorali parrokkjali miż-żgħażagħ għand grupp wieħed.

Minn dawn il-membri, imbagħad, Il-Kappillan/Arċipriet għandu jappunta *chairperson*, segretarju/a, membru inkarigat mil-liturġija, membru inkarigat mill-formazzjoni, ieħor mill-ħajja komunitarja u ieħor mid-djakonija. Hu meħtieġ li l-membri kollha tal-KPAŻ ikollhom spirtu ta' kollaborazzjoni u jkunu jħaddnu bis-sħiħ l-għanijiet tagħha.

4.4.1 Is-servizz taċ-Chairperson jinvolvi:

- Li, flimkien mal-Kappillan/Arċipriet jew mas-saċerdot imqabbad minnu, jsejjaħ u jmexxi laqgħa;
- Li jara li kull deċiżjoni li tittieħed/kull pjanifikazzjoni li ssir għandha tkun maħduma bil-kollaborazzjoni tal-membri kollha;
- Li jara li jitwettqu l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni;
- Iżomm kuntatt ma' kummissjonijiet oħra fi ħdan il-parroċċa;
- Iżomm kuntatt mal-KDŻ;
- Jirrappreżenta l-KPAŻ fil-Kunsill Pastorali Parrokkjali.

4.4.2 Is-servizz tas-Segretarju jinvolvi:

- Li jżomm kuntatt ħaj mal-membri l-oħra tal-KPAŻ billi jibgħat il-minuti tal-laqgħat lill-membri kollha u lill-Kappillan/Arċipriet jew saċerdot delegat minnu.
- Li flimkien maċ-*Chairperson* u l-Kappillan/Arċipriet joħroġ aġenda u jibgħatha lill-membri kollha tal-inqas ġimgħa qabel il-laqgħa flimkien mad-data u l-ħin tal-laqgħa.
- Fl-aħħar tas-sena, jibgħat rapport ta' ħidma ta' matul is-sena lill-KDŻ.
- Jekk ikun hemm involuti xi flus, għandu jingħata rendikont finanzjarju lill-Kappillan/Arċipriet.

4.4.3 Is-servizz tal-membri inkarigati mill-Ħajja Komunitarja, mil-Liturġija, mix-Xandir tal-Kelma u mid-Djakonija jinvolvi li:

- Iġibu 'l quddiem il-qasam inkarigati minnu fil-ministeru maż-żgħażagħ u l-adolexxenti.
- Jaħdmu f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Liturġika, Kummissjoni Djakonija u dik Kateketika tal-parroċċa, fejn dawn ikunu mwaqqfa.

> Il-membri tal-KPAŻ għandhom idumu fil-Kummissjoni għal term ta' sena li jista' jiġġedded għal tnejn. Hu importanti li dawn il-membri jagħtu l-impenn sħiħ tagħhom u jattendu għal-laqgħat kollha tal-KPAŻ.

4.5 Attitudnijiet

Biex l-għanijiet imsemmija aktar 'il fuq jintlaħqu, importanti dawn l-attitudnijiet fil-membri:

- Motivazzjoni u entużjażmu għall-ħidma ta' koordinament fl-għalqa tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ.
- Flessibilità fil-mod u l-istil ta' ħidma; fl-attivitajiet, pjanifikazzjoni eċċ
- *Openness* għar-realtà djoċesana u kapaċità li naħdmu ma' għaqdiet u movimenti oħra tal-Knisja u dawk li mhumiex.

Il-Kummissjoni għandu wkoll ikollha l-attitudni li:

- Ma torganizzax attivitajiet taħt isimha b'mod li tidher qisha għaqda separata;
- Permezz tar-rappreżentanti tagħhom fil-KPAŻ, l-għaqdiet għandhom jiġu involuti fi proċess ta' konsultazzjoni u mgħarrfa bid-deċiżjonijiet u inizjattivi li jittieħdu;
- Tinkoraġixxi u tgħin fil-ħolqien ta' inizjattivi ġodda fejn ikun hemm bżonn (mhux tagħmilhom hi);
- Tħeġġeġ li jkun hemm ftuħ għar-realtà tad-djoċesi fost l-oħrajn billi ssir enfasi:
- li ż-żgħażagħ u l-adolexxenti jingħaqdu flimkien f'appuntamenti djoċesani
- tara li dak li jiġi organizzat fuq livell parrokkjali u li għandu x'jaqsam ma' żgħażagħ u adolexxenti jkollu l-approvazzjoni tal-KPAŻ.
- Li tiddelega aktar milli tagħmel l-affarijiet hi.

4.6 Riżorsi u għajnuniet

Biex il-Kummissjoni tilħaq l-għanijiet tagħha, tajjeb li tħeġġeġ lill-membri jfittxu riżorsi u għajnuniet kemm fil-parroċċa kif ukoll barra minnha. Dawn il-kuntatti jistgħu jkunu ta' għajnuna:

4.6.1 Riżorsi fuq Ħajja Komunitarja

SPYS (Salesian Pastoral Youth Services) – għal organizzazzjoni ta' diversi *weekends* fuq *leadership* u *teamwork* fost suġġetti oħra u diversi riżorsi oħrajn.

4.6.2 Riżorsi fuq Xandir tal-Kelma

Segretarjat għall-Katekeżi

4.6.3 Riżorsi fuq Liturġija

Segretarjat għal-Liturġija

4.6.4 Riżorsi fuq Djakonija

Segretarjat għall-ħidma soċali u l-karità (Caritas)

Għal riżorsi oħrajn, konsultazzjoni jew diffikultajiet, wieħed jista' jikkuntattja lill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ jew jidħol fil-websajt www.kdz.org.mt

{5}
L-Operaturi pastorali fil-qasam tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ[14]

{ Il-bniedem modern jisma' iżjed bil-qalb lix-xhieda aktar milli lill-għalliema, u jekk jisma' lill-għalliema, huwa għaliex dawn huma xhieda. – Papa Pawlu VI }

{ Biex iż-żgħażagħ tagħna jkunu tassew iffurmati rridu niżguraw li jkollna operaturi pastorali li jkunu mħarrġa sew biex jaħdmu magħhom. Dawn l-operaturi għandhom ikunu mħarrġa umanament, spiritwalment u pastoralment AŻ 35. }

Fl-adolexxenza u fiż-żgħożija, hu normali li ż-żgħażagħ jingħaqdu flimkien fi gruppi, u jkun tajjeb li l-parroċċi jindunaw b'dan il-bżonn li għandhom iż-żgħażagħ u jkomplu jibnu fuqu. F'din l-età, huma jħarsu lejn xi persuni bħala mudell u lejn oħrajn bħala mexxejja. Minħabba f'dan, hu importanti li fil-gruppi tal-parroċċa nippreżentaw mudelli tajbin kif ukoll mexxejja li apparti li jkunu kompetenti u ffurmati, jwettqu l-ħidma tagħhom mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ bħala sejħa partikulari għal dan il-ministeru.

5.1 Kwalitajiet li l-operaturi pastorali li jaħdmu ma' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ għandu jkollhom:

- Għandhom ikunu persuni li jieħdu bis-serjetà il-ħajja Nisranija tagħhom biex fiċ-ċentru tal-ħidma tagħhom dejjem ikun hemm Kristu.
- Għandhom ukoll jieħdu formazzjoni akkademika u jżommu ruħhom aġġornati fuq xi jkun għaddej fid-dinja taż-żgħażagħ. Għandhom ukoll jibqgħu miftuħa għat-tagħlim u jieħdu *ongoing formation*.
- Importanti wkoll li huma jiffurmaw ruħhom umanament, jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom, jiskopru u jaċċettaw lilhom infushom biex b'hekk ikunu iżjed umli u kapaċi jieħdu *feedback* u kritika kostruttiva u wkoll iħaddnu valuri u mġiba Nisranija.
- Għandhom ikunu mudell għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ li huma responsabbli minnhom f'kull ambjent li jkunu fih, anke barra ċ-ċentru.

- Irid ikollhom ċar x'inhi l-missjoni tagħhom ta' evanġelizzazzjoni għas-servizz taż-żgħażagħ bħala katekisti, edukaturi, akkumpanjaturi u xhieda.
- Kapaċi jikkomunikaw tajjeb kemm ma' persuni individwali kif ukoll fi grupp.
- Kapaċi jgħaqqdu flimkien esperjenzi differenti, li jagħmlu l-fidi, u t-twemmin tagħna ħaj billi japplikawh għall-ħajja ta' kuljum taż-żgħażagħ (dan anke b'konsultazzjoni magħhom stess).
- Kapaċi jgħinu lil ħaddieħor ifittex u jsib ambjent ġdid u jibnu relazzjonijiet tajba mal-komunità.
- Ma jimponu qatt l-ideat tagħhom fuq l-oħrajn, iżda jiggwidaw u jħallu liż-żgħażagħ stess jaslu għal dan l-għan ewlieni tal-grupp li jibnu l-komunità u jaħdmu bi spirtu ta' servizz.
- Jilqgħu liż-żgħażagħ b'idejhom miftuħa u jaċċettaw ir-realtà li jgħixu fiha huma.
- Iħaddnu *dress code* deċenti u li tixraq għal dak li huma.
- Ikunu puntwali fil-laqgħat li jorganizzaw għaliex nuqqas ta' puntwalità tagħti idea ta' telqa, li żgur mhux valur li għandna ngħaddu liż-żgħażagħ tagħna. Jekk napprezzawhom u nħobbuhom għandna nkunu hemm għalihom fil-ħin.
- Għandhom ukoll ikunu kapaċi joħolqu bilanċ tajjeb bejn il-ħajja privata tagħhom u l-ħidma tagħhom fil-ministeru mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Importanti wkoll li jsibu ħin għalihom infushom, jew għall-familja jekk ikunu miżżewġin, biex ikollhom ħin ta' mistrieħ u kif ukoll ħin ta' talb.
- Joħolqu spazju biex l-adolexxenti u ż-żgħażagħ jitrawmu u jkollhom opportunità biex jesprimu l-potenzjal tagħhom.
- Iħarsu l-kura tal-persuni li għandhom magħhom u jaraw il-bżonnijiet tagħhom, jieħdu ħsieb il-formazzjoni, jaraw jekk il-persuna hux qed tikber - jiġifieri ssir aktar hi, tiffjorixxi, toħroġ it-talenti kollha li biha hi mżejna - jekk dan tista' tagħmlu f'xi għaqda oħra l-operaturi pastorali għandhom ikunu lesti li jissuġġerulha tagħmel dan.
- Jieħdu ħsieb jippjanaw id f'id mal-KPAŻ u mal-Kappillan/Arċipriet li jkollu idea aktar ċara u ħolistika tal-bżonnijiet tal-parroċċa u tal-attivitajiet l-oħra li qed isiru biex bħalma diġà għedna ma jkunx hemm ħela ta' riżorsi minħabba rduppjar ta' xogħol.
- F'kull parti tal-ħidma tagħhom għandhom iżommu kuntatt kontinwu mal-Kappillan/Arċipriet u jagħtu rendikont tal-ħidma li titwettaq.

Biex iwettqu l-missjoni tagħhom ta' evanġelizzazzjoni, importanti wkoll li l-operaturi pastorali:

- Ikunu persuni li fiċ-ċentru ta' ħajjithom hemm Ġesù Kristu, li jħobbu l-Knisja li hu waqqaf u li għandhom qalbhom tbaqbaq biex ixandru l-Kelma t'Alla.
- Ikunu persuni li fil-ħajja tagħhom jgħixu l-valuri tal-Evanġelju, li nsibu fil-persuna ta' Ġesù.
- Ikunu persuni li verament iħobbu liż-żgħażagħ u li jaħdmu tajjeb ma' diversi etajiet u nies li ġejjin minn diversi realtajiet tal-ħajja.
- Ikunu persuni li kapaċi jibnu relazzjonijiet tajbin mal-oħrajn – relazzjonijiet mibnija fuq il-valuri evanġeliċi.

5.2 Volontiera

Barra li jkun hemm *youth leader*, tajjeb li jkun hemm ukoll grupp ieħor ta' nies li jgħinu fl-affarijiet prattiċi. Dawn in-nies jistgħu jgħinu fit-tfassil ta' attivitajiet eċċ. u permezz ta' dan, iż-żgħażagħ ikunu qed jingħataw ċertu *empowerment*. Eventwalment, wara li jieħdu l-formazzjoni meħtieġa, jistgħu wkoll isiru *youth leaders*.

5.3 Taħriġ speċjalizzat u formazzjoni kontinwa

Kull kategorija li semmejna hawn fuq għandu jkollha formazzjoni kontinwa. Għal dan il-għan wieħed jista' jżur il-websajt tal-KDŻ www.kdz.org.mt għall-aħħar aġġornamenti u laqgħat.

5.4 Esperjenzi pastorali ggwidati

Qabel mal-operaturi pastorali jieħdu r-responsabbilità kompluta, tajjeb li jkollhom ċertu esperjenzi maż-żgħażagħ, ikunu ggwidati minn xi *youth leader* ta' esperjenza u jaħdmu flimkien miegħu/magħha sabiex jieħdu l-esperjenza meħtieġa. Dan hu importanti ħafna għaliex ħadd m'għandu jaħdem maż-żgħażagħ bla preparazzjoni.

5.5 Code of Ethics

Ma' dan il-kapitlu hemm mehmuż *code of ethics* li japplika għal dawk l-operaturi pastorali li jaħdmu mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Dan jinsab fl-appendiċi.

Noti

[14] L-Istitut ta' formazzjoni Pastorali flimkien mal-KDŻ u s-Segretarjat għall-Katekeżi, qed jaħdmu fuq dokument li jitratta dwar il-formazzjoni u l-akkreditazzjoni li għandu jkollhom l-operaturi pastorali fil-qasam tal-ħidma ma' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

{6}
Iż-żgħażagħ u l-adolexxenti bħala protagonisti

> Il–pastorali ma tkunx sħiħa jekk ma twassalx liż-żgħażagħ biex ikunu mhux biss dixxipli iżda evanġelizzaturi fil-ħajja ta' kuljum. L-għajxien u l-parteċipazzjoni fil-ħajja sħiħa jridu jwasslu biex iż-żgħażagħ li jemmnu jkunu l-melħ u d-dawl (ara Mt 5, 13-14) kull fejn ikunu (AŻ 13).

Kif jidher ċar minn din il-kwotazzjoni, is-Sinodu jsostni li ż-żgħażagħ huma l-Knisja tal-lum u li fil-Knisja għandhom spazju biex ikunu protagonisti. Il-parroċċi huma msejħa biex iħaddnu din l-istess attitudni billi jgħożżu u jinkoraġġixxu s-sehem tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ fil-pastorali.

6.1 Xi tfisser ninvolvuhom? Tgħidilhom x'jagħmlu jew tħalli f'idejhom?

Li wieħed jinvolvi ż-żgħażagħ ma jfissirx li wieħed għandu jħallihom jagħmlu dak li jiġihom f'moħħhom, ma ssegwix dak li qegħdin jagħmlu jew tħalli ssir xi ħsara li taf biha jew li tista' tiġri. Lanqas ma jfisser li għandhom jagħmlu biss dak li tgħidilhom inti jew li ma tagħtihomx ċans jiżbaljaw. Li tinvolvihom tfisser li tagħtihom biżżejjed spazju biex jaħdmu bil-personalità u l-kreattività tagħhom ħalli tassew ikunu mhux biss suġġetti tal-evanġelizzazzjoni iżda wkoll aġenti attivi. Fl-istess waqt irid ikun hemm preżenza, akkumpanjament u gwida xierqa minn min ikun qiegħed imexxi u tajjeb ukoll li jkunu jafu li inti dispost għalihom kull meta hemm bżonn l-għajnuna tiegħek.

6.2 Għalfejn tajjeb li ninvolvuhom?

(a) Għal Knisja iżjed rikka

Għandna ninvolvu liż-żgħażagħ mhux biex ngħidu li involvejniehom, jew għaliex dik hi t-*trend* jew biex naqdu xi bżonn li ma hemm ħadd min jagħmlu imma għaliex tassew nemmnu li l-Knisja bihom u mingħajrhom mhix xorta, anzi mingħajrhom ikollha xi ħaġa nieqsa u bihom tkun aktar rikka.

(b) Għaż-żgħażagħ u maż-żgħażagħ

Raġuni oħra hi li l-pastorali tkun aktar effettiva meta nibdew naħsbu biex nagħmluha mhux biss "għalihom" iżda magħhom. Kulħadd jaf f'din l-età kemm iż-żgħażagħ jinfluwenzaw lil xulxin (*peer to peer leadership*). Din l-influwenza tista' tiġi użata wkoll biex issir dik li tissejjaħ *inside-out ministry* fejn ċertu tip ta' żgħażagħ jilħqu żgħażagħ oħra. Dan il-metodu jista' jkun effettiv ħafna biex jintlaħqu t-tliet kategoriji ta' żgħażagħ li jsemmi d-dokument Adolexxenti u Żgħażagħ billi dawk imsemmija f'i) jilħqu lil dawk f'ii) u iii).

i) Żgħażagħ li huma membri attivi fil-Knisja.
ii) Dawk li jipprattikaw ir-reliġjon b'mod iżjed "kulturali".
iii) Dawk 'il bogħod mill-Knisja.

(ċ) Għall-potenzjal, innovazzjoni, enerġija u kreatività

Vantaġġ ieħor hu minħabba l-potenzjal li għandhom iż-żgħażagħ. Qiegħda fin-natura tagħhom li jibdlu biex iġibu 'l quddiem dak li jaraw madwarhom. Huma wkoll sors ta' enerġija.

6.3 U jekk li jridu jagħmlu ma jaqbilx mal-viżjoni?

F'dawn l-okkażjonijiet tajjeb li nagħmlu ħilitna biex nifhmu l-pożizzjoni taż-żgħażagħ u niddiskutu magħhom dwar kif inħossu li l-involviment tagħhom jista' jitranġa u jitjieb. Dawn jistgħu jkunu wkoll mumenti eċċellenti biex ngħinu liż-żgħażagħ jidderieġu l-enerġija tagħhom b'mod li tkun aktar konformi mal-viżjoni, jiddiskutu l-ideat tagħhom u jaħdmuhom mal-oħrajn u jagħrfu x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi ta' għemilhom.

Apparti dan, meta tinħass tensjoni bejn dak li jridu huma u dak li naħsbu aħna (mexxejja akbar, adulti b'aktar esperjenza) tajjeb li niċċekkjaw kemm l-attitudnijiet tagħhom (x'intenzjonijiet għandhom, għalfejn qed jiġu, il-motivazzjoni wara x-xewqa li jinvolvu ruħhom) u kif ukoll dawk tagħna.

6.4 X'attitudni għandu jkollna?

L-attitudni tagħna għandha tkun dejjem waħda pożittiva, jiġifieri il-punt tat-tluq ikun li lesti li nafdawhom. Hija naturali li minħabba n-nuqqas ta' esperjenza jew maturità tagħhom dawn xi drabi ser jiżbaljaw. Ikun tajjeb li nħallulhom il-wisa' biex jagħmlu dawn l-iżbalji filwaqt li ngħinuhom biex jitgħallmu minnhom. Qatt m'għandna nirritaljaw jew nidħlu f'pika magħhom.

6.5 B'mod prattiku, kif nistgħu ninvolvu liż-żgħażagħ fil-ħidma pastorali ma' żgħażagħ oħra?

Iż-żgħażagħ jistgħu jagħtu sehemhom fuq diversi livelli fosthom:

- Pjanar, koordinament u evalwazzjoni tal-pastorali maż-żgħażagħ
- Rappreżentanzi f'diversi fora fil-parroċċa bħall-KPP u l-kummissjonijiet oħrajn parrokkjali eż. il-Kummissjoni Djakonija.
- Billi noffrulhom spazji biex jistaqsu u jiċċelinġjaw il-modi ta' ħidma u attitudnijiet li aħna l-kbar dejjem ħdimna fihom.

L-ERBA' KOLONNI TAL-ĦIDMA PASTORALI

L-erba' kolonni li fuqhom tinbena l-pastorali huma:

- Il-Ħajja Komunitarja
- Ix-Xandir tal-Kelma
- Il-Liturġija
- Id-Djakonija

Dawn l-erba' aspetti tal-pastorali huma wkoll indikati fid-dokument tas-Sinodu Adolexxenti u Żgħażagħ. Wara kollox, huma wkoll l-erba' aspetti li fuqhom tinbena il-ħajja Nisranija.

Għaldaqstant, biex il-pastorali tagħna mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tkun sħiħa u b'saħħitha, din għandha tkun mibnija fuq l-erbgħa li huma. Biex inġibu eżempju ieħor, nistgħu nħarsu lejn dawn l-erba' aspetti tal-pastorali bħall-erba' roti tal-karozza. B'rota inqas il-karozza ma timxix. U l-istess ngħidu għall-ħidma pastorali. Għandna nagħmlu ħilitna kollha biex il-pastorali tagħna maż-żgħażagħ tkun imserrħa fuq l-erba' aspetti – u dan isir billi fil-ħidma ninkluduhom l-erbgħa li huma.

Ta' min isemmi li dawn l-erba' aspetti huma għal kollox kumplimentari għal xulxin. Għall-iskop ta' dawn il-linji gwida u biex żgur niftiehmu aħjar, f'dan id-dokument se nkunu qed inħarsu lejn kull aspett għalih. Madanakollu, fir-realtà, ix-Xandir tal-Kelma, il-Liturġija, il-Ħajja Komunitarja u d-Djakonija mhumiex mifrudin minn xulxin - anzi bil-kontra. Għalhekk, tajjeb ukoll li naraw li anke fil-pastorali tagħna, dawn l-erba' aspetti flimkien jiffurmaw il-ħajja Nisranija li aħna lkoll nixtiequ li jgħixu l-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna.

{7}
Il-Ħajja Komunitarja

{ Nitolbok li jkunu ħaġa waħda. Kif inti fija Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni (Ġw 17, 21). }

{ Il-Knisja trid tibni fuq dan il-bżonn uman u spiritwali, filwaqt li tilqa' u tagħti valur lill-individwalità u l-uniċità ta' kull persuna. Għalhekk trid toffri ambjenti u spazji fejn iż-żgħażagħ iħossuhom milqugħa kif inhuma, ikunu jistgħu jgħixu l-ispirtu ta' ċelebrazzjoni li ġġib magħha l-ħbiberija, jidħlu dejjem aktar fil-kultura tal-għotja tagħhom infushom lill-oħrajn, jikbru fil-kapaċità li jiddjalogaw, jinfetħu għas-sbuħija tat-talb flimkien, jesperjenzjaw il-ġmiel f'li jaħfru u f'li jkunu maħfura u jipparteċipaw flimkien fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti...Hu biss fl-isfond ta' komunità ta' mħabba li ż-żgħażagħ jistgħu jikbru bħala bnedmin sħaħ. Għaldaqstant, l-operaturi pastorali maż-żgħażagħ għandhom ikunu xhieda ħajja ta' Ġesù f'li jwasslu għall-bini ta' relazzjonijiet profondi mal-aħwa u fost l-aħwa tal-Mulej (AŻ 24). }

Il-ħidma mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ għandha ċertu fatturi distinti li jagħtu direzzjoni lill-programmazzjoni tal-ħajja komunitarja. Dawn il-punti li ġejjin, jistgħu jgħinuna fit-tisħiħ tal-ħajja komunitarja taż-żgħażagħ, fl-ambjent tal-parroċċa.

7.1 Ħolqien ta' komunitajiet bażiċi

Id-dokument tas-Sinodu Adolexxenti u Żgħażagħ jemmen li komunità bażika tista' tgħin liż-żagħżugħ "jikber, jiżviluppa l-potenzjali tiegħu, kif ukoll jiskopri lilu nnifsu u lill-oħrajn, aħjar milli kieku jkun waħdu" (AŻ 24). Il-Knisja għandha bżonn tipprovdi lill-adolexxenti u liż-żgħażagħ b'sapport, talb, ħin u spazju li fih huma jkunu jistgħu ikomplu jikbru fil-fidi tagħhom. Huwa għalhekk li l-ħolqien ta' dawn il-komunitajiet fi ħdan il-parroċċi huwa inkoraġġit.

Li wieħed jifforma parti minn komunità mhix biss xewqa iżda wkoll bżonn. Iż-żgħażagħ għandhom xewqa kbira li jkunu f'komunità jew, biex nużaw kelma li jħobbu jużaw huma, 'grupp'. Madanakollu, dan hu wkoll bżonn li tħoss kull persuna umana, u għalhekk – b'mod partikolari - ż-żgħażagħ ukoll. Dan jixhdu wkoll il-katekiżmu tal-Knisja Kattolika li fih insibu li l-bżonn ta' komunità mhuwiex żjieda barranija iżda ħtieġa tan-natura tagħna.

Għalhekk, fejn f'parroċċa diġà jeżistu gruppi simili, dawn għandhom jiġu msaħħin u l-operaturi pastorali għandhom jaraw li dawn il-gruppi tassew jipprovdu ambjent welcoming għaż-żgħażagħ u li fih huma jistgħu tassew ikomplu jikbru fil-fidi tagħhom.

7.2 Il-parroċċa nnifisha bħala komunità li tilqa' ż-żgħażagħ

Minkejja li ż-żgħażagħ għandhom xewqa kbira li jkollhom il-'grupp' tagħhom, hemm diversi adolexxenti u żgħażagħ li dan il-grupp ma jiffurmawhx fi ħdan il-parroċċa. Hu għalhekk li hu importanti li l-parroċċa tipprovdi opportunitajiet sabiex iż-żgħażagħ li b'xi mod jew ieħor ikunu parti mill-ħajja tagħha, jsibu fiha komunità li tilqagħhom. Modi prattiċi ta' kif dan jista' jsir huma dawn:

- Tipprovdi opportunitajiet għal parteċipazzjoni fl-aspett liturġiku u sagramentali tal-parroċċa, speċjalment il-qrar u t-tqarbin u tajjeb li dawn l-opportunitajiet jiġu provduti f'ħinijiet li huma konvenjenti għaż-żgħażagħ u f'ambjenti li jilqgħuhom.
- Tipprovdi opportunitajiet għaż-żgħażagħ sabiex jitgħallmu u jesperjenzjaw forom differenti ta' talb personali u fi grupp.
- Talb ekumeniku f'parroċċi li fihom hemm żgħażagħ ta' denominazzjonijiet/reliġjonijiet differenti.
- Twaqqif ta' gruppi li fihom isir *lectio divina* maż-żgħażagħ
- Post fejn iż-żgħażagħ jistgħu jsibu riżorsi li jistgħu jgħinuhom e.ż. *leaflets*, kotba, CDs eċċ.
- Tipprovdi lista ta' konfessuri kif ukoll ta' diretturi spiritwali li jkunu disposti jagħtu dan is-servizz f'jiem u ħinijiet komdi għaż-żgħażagħ.
- F'perjodi fejn iż-żgħażagħ ikunu inqas impenjati e.ż s-sajf, jistgħu isiru stediniet biex jieħdu sehem fl-organizzazzjoni ta' xi *summer school* jew xogħol volontarju ieħor kemm fil-parroċċa u wkoll barra minnha.
- Tipprovdi opportunitajiet ta' *live-ins* jew irtiri għaż-żgħażagħ li fihom iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jagħmlu esperjenza profonda ta' komunità.
- F'parroċċi li huma mmexxija mir-reliġjużi, il-komunità reliġjuża tista' wkoll tipprovdi opportunitajiet għaż-żgħażagħ biex jagħmlu esperjenza ta' ftit jiem magħhom.

7.3 X'jista' jsir għal dawk iż-żgħażagħ li m'għandhom l-ebda kuntatt mal-komunità parrokkjali?

Minkejja dak li ntqal hawn fuq, ir-realtà hi li mhux iż-żgħażagħ kollha ser jaċċettaw l-istedina li tagħmlilhom il-komunità parrokkjali. Meta jiġri hekk, il-komunità ma tistax tibqa' tistenna li l-adolexxenti u ż-żgħażagħ jersqu lejha iżda għandha tkun hi li tkun preżenti fil-komunitajiet l-oħrajn li ż-żgħażagħ qegħdin fihom.

Hekk kif jgħid id-dokument Adolexxenti u Żgħażagħ, il-Knisja "trid tistaqsi lilha nnifisha x'inhuma l-ispazji li fihom tista' tieħu sehem fi ħdan id-dinja żagħżugħa u kif jistgħu jingħelbu l-firdiet fiżiċi, psikoloġiċi u kulturali li jista' jkun hemm" (AŻ 29). Dan, kif jista' jsir?

- Isiru stediniet personali liż-żgħażagħ permezz ta' kuntatt personali li jsir waqt il-*family visits* jew f'ambjenti li jkunu fihom huma eż. fil-pjazez, fil-każini, klabbs, f'xi lokal li huma jħobbu jattendu fih eċċ.
- Jinħoloq direttorju tad-diversi gruppi ta' adolexxenti u żgħażagħ li hemm fil-parroċċa u dan ikun disponibbli għaż-żgħażagħ kollha fil-parroċċa.
- Tintbagħat informazzjoni fuq l-opportunitajiet/attivitajiet li jkun hemm permezz tal-email, *leaflets* li jitqassmu fid-djar jew ittri personali.
- Tingħata responsabbilità liż-żgħażagħ li huma diġà fil-komunità parrokkjali sabiex jitkellmu ma' sħabhom u jħeġġuhom sabiex jinvolvu ruħhom f'ċertu attivitajiet li torganizza l-parroċċa apposta għalihom.
- Jiġu identifikati l-postijiet fit-territorju tal-parroċċa fejn jinġabru ż-żgħażagħ eż. gyms, bars, kumplessi tax-xiri, fabbriki eċċ u jinstabu mezzi biex il-Knisja tkun preżenti f'dawn il-postijiet.
- Jinħolqu inizjattivi flimkien ma' dawn il-gruppi ta' żgħażagħ
- Naraw nistgħux noffru xi servizzi pastorali partikolari għal dawn il-gruppi.

Hu importanti li l-istediniet li nagħmlu jsiru b'mod serju u awtentiku u li jekk xi żgħażagħ jilqgħu l-istedina li ssirilhom, il-komunità parrokkjali tkun tassew lesta li tilqagħhom u tipprovdilhom ambjent akkoljenti. Xi affarijiet li tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu huma dawn:

- Importanti li meta jsiru stediniet għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ, wieħed iżomm f'moħħu l-bżonnijiet li għandhom l-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-lum, it-*timetables* tagħhom u l-istil ta' ħajja tagħhom ukoll.
- Huwa importanti wkoll li dawk il-persuni li ser ikunu fit-tmexxija tal-komunitajiet imsemmija, ikollhom it-taħriġ meħtieġ.
- Tajjeb ukoll li l-istediniet isiru b'mod li jappella għaż-żgħażagħ u li possibilment jintużaw ukoll il-mezzi tal-media.

Rigward il-media, hekk kif jgħid id-dokument Adolexxenti u Żgħażagħ, dawn il-mezzi "għandhom jgħinu biex joħolqu networks, jinfurmaw, isaħħu komunitajiet kif ukoll joħolqu komunitajiet virtwali" (AŻ 29). Id-dokument iħares lejn il-media bħala "mezz privileġġat biex jintlaħqu mhux biss dawk li b'xi mod diġà jiffurmaw parti mill-komunità Nisranija, iżda fuq kollox dawk li jinsabu fil-periferija kif ukoll dawk li ma jiffurmawx parti mill-Knisja" (AŻ 29).

7.4 Kollaborazzjoni bejn gruppi differenti

Dawn il-komunitajiet imsemmija hawn fuq ikomplu jiġu msaħħa jekk joħolqu sinerġija, jiltaqgħu u anke jaħdmu flimkien ma' komunitajiet oħrajn. Dan jista' jsir kemm fi ħdan l-istess parroċċa e.ż. gruppi differenti jaħdmu flimkien sabiex jagħmlu programm ta' formazzjoni kif ukoll jorganizzaw attivitajiet għaż-żgħażagħ tal-parroċċa/unita`; u jista' jsir ukoll ma' gruppi minn parroċċi oħrajn e.ż. laqgħa ta' talb bejn gruppi taż-żgħażagħ differenti f'parroċċi li jiffurmaw parti minn unità pastorali; tfassil ta' mixja ta' fidi flimkien.

Permezz ta' dan, dawn il-gruppi jistgħu jigu msaħħa kemm fuq livell uman u spiritwali kif ukoll b'mod materjali permezz ta' qsim ta' rizorsi, ideat u proġetti.

7.5 Parteċipazzjoni attiva fl-appuntamenti djoċesani

Ta' kull sena, il-KDŻ tieħu ħsieb tikkoordina numru ta' attivitajiet djoċesani. Il-KDŻ tinkoraġixxi mhux biss l-attendenza tal-komunitajiet parrokkjali f'dawn l-attivitajiet iżda tinkoraġixxi wkoll is-sehem attiv fil-preparazzjoni għalihom. Dawn l-attivitajiet fuq livell ta' djoċesi għandhom l-għan li jġibu flimkien id-diversi komunitajiet li hemm fid-djoċesi ta' Malta, bid-diversi doni u kariżmi tagħhom, biex tiġi ċċelebrata l-ħidma u l-ħajja tagħhom.

Importanti wkoll hu s-sehem tal-mexxejja ta' dawn il-komunitajiet f'laqgħat li jsiru mill-KDŻ sabiex isir djalogu jew preparazzjoni għal diversi attivitajiet. Dawn il-laqgħat mhux biss iġibu flimkien dawn il-mexxejja biex flimkien jippreparaw attività, iżda wkoll jipprovdu okkażjoni sabiex dawn il-mexxejja jiltaqgħu ma' xulxin u jaqsmu l-esperjenzi tagħhom flimkien, filwaqt li jarrikkixxu lil xulxin bid-diversi kapaċitajiet tagħhom.

{8}
Xandir tal-Kelma

> Ġesù ġie jħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, l-Aħbar it-Tajba lill-fqajrin, jagħti d-dawl lill-għomja, il-ħelsien lill-maħqurin u jxandar il-grazzja tal-Mulej (ara Lq 4, 18-19). Daqstant ieħor il-Knisja f'Malta hi mibgħuta biex tkompli l-ħidma tiegħu billi xxandar l-Aħbar it-Tajba u taħdem favur it-twaqqif tas-Saltna ta' Alla fis-soċjetà u ukoll fost iż-żgħażagħ, li m'humiex biss il-futur iżda l-preżent ta' din is-soċjetà u tal-Knisja f'Malta (AŻ 32).

Hekk kif jgħid id-dokument Adolexxenti u Żgħażagħ, il-formazzjoni hi tassew il-qalba tal-ħidma pastorali maż-żgħażagħ (AŻ 25). Din il-formazzjoni għandha twassal liż-żgħażagħ sabiex jibnu relazzjoni personali intima ma' Kristu bħala ħabib u mudell ta' ħajjithom u tal-ħidma tagħhom kollha (AŻ 36).

Meta nitkellmu dwar il-formazzjoni, tajjeb li nżommu f'moħħna li għalkemm wieħed għandu jara li l-adolexxenti u ż-żgħażagħ qed jieħdu formazzjoni sħiħa u ħolistika, jeħtieġ li l-*focus* prinċipali jkun fuq id-dimensjoni spiritwali. Fil-qalba tal-formazzjoni li noffru lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ għandu jkun hemm il-katekeżi. Jekk ma nagħtux kas ta' din id-dimensjoni, li hi l-iżjed waħda importanti, ma nkunux qed nilħqu l-għan li għalih imsejħin bħala operaturi pastorali. Huwa wkoll għalhekk li l-operaturi pastorali nfushom għandhom jieħdu l-formazzjoni meħtieġa biex huma jkunu jistgħu jaqdu l-ministeru tagħhom bl-aħjar mod.

8.1 X'inhi l-katekeżi?

Il-Papa Ġwanni Pawlu II jgħid li l-"katekeżi hi t-trawwim fil-fidi tat-tfal, taż-żgħażagħ u tal-kbar,...bil-għan li jwassal għall-milja tal-ħajja Nisranija."15 F'dokument ieħor insibu li "il-katekeżi tgħin lill-adolexxenti jiżviluppaw relazzjoni izjed profonda ma' Ġesù Kristu u mal-komunità Nisranija, u tkabbar l-għarfien tagħhom tal-qalba tal-kontenut tal-fidi kattolika. Il-katekeżi tgħin ukoll liż-żgħażagħ jarrikkixxu u jespandu l-għarfien tagħhom tal-Iskrittura u tat-tradizzjoni u l-applikazzjoni tagħhom fil-ħajja llum, u jgħixu b'impenn bħala dixxipli ta' Ġesù Kristu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum,

speċjalment permezz ta' ħajja ta' talb, ġustizzja, u qadi bi mħabba... L-għan għandu jkun li jkollok iż-żgħażagħ kollha kattoliċi involuti f'xi programm ta' katekeżi."[16]

8.2 Kif għandha ssir il-katekeżi fl-ambjent tal-parroċċa?

Il-katekeżi tal-parroċċa għandha tkun ibbażata fuq dawn iż-żewġ kolonni:

a) Ċentri u għaqdiet li joffru formazzjoni Nisranija anke permezz ta' katekeżi formali

Jeħtieġ li naraw li fiċ-ċentri u fl-għaqdiet tagħna tkun qed issir katekeżi tajba, mibnija fuq l-Iskrittura, it-tradizzjoni u t-tagħlim tal-Knisja. "Din il-katekeżi trid turi kif l-esperjenza tal-komunitajiet bibliċi huma simili u għadhom relevanti għall-esperjenzi li ż-żgħażagħ jgħaddu minnhom fil-ħajja tagħhom ta' kuljum" (AŻ 33)

Hu importanti ħafna li ċ-ċentri u l-għaqdiet tagħna jkunu kollha ċentri ta' formazzjoni spiritwali. Ma nistgħux naffordjaw li jkollna ċentri tal-Knisja li jservu biss biex l-adolexxenti u ż-żgħażagħ ikollhom fejn jiltaqgħu, jew inkella li jkunu joffru biss formazzjoni soċjali. Importanti wkoll li, kif insibu fid-dokument Adolexxenti u Żgħażagħ, fiċ-ċentru tal-katekeżi li ssir maż-żgħażagħ għandu jkun hemm l-Iskrittura (AŻ 33).

b) Katekeżi informali ma' dawk li ma jattendux fiċ-ċentri

Jeħtieġ, min-naħa l-oħra, li noqogħdu attenti li l-katekeżi tagħna ma tkunx immirata biss lejn dawk li jattendu ċ-ċentri u l-għaqdiet ta' ġewwa l-parroċċa. Ma nistgħux inserrħu rasna li fiċ-ċentri qed issir katekeżi biżżejjed. Ir-realtà turi li hemm aktar adolexxenti u żgħażagħ li mhumiex fiċ-ċentri u fl-għaqdiet milli dawk li huma u aktar ma tikber l-età aktar in-numru ta' dawk li jattendu f'dawn l-għaqdiet qed jonqos.

Għaldaqstant, kull parroċċa jeħtieġ tagħraf kif ser tilħaq lil dawk li mhumiex fiċ-ċentri u l-għaqdiet L-ewwel li jrid isir hu l-kuntatt, biex hekk tinbena relazzjoni bejn dawn l-individwi u l-parroċċa. Dan jista' jsir b'diversi modi fosthom:

Jintbagħtu kartolini ta' awgurju lil dawk li jkun għalqu sninhom; lil dawk li jkunu gradwaw; iżżewġu jew saru ġenituri.
Jintbagħat aġġornament bl-email dwar x'ser isir għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Barra l-avviżi, din tkun tista' tinkludi wkoll xi ħsieb spiritwali jew xi messaġġ b'valur Nisrani.

8.3 Katekeżi addattata għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ

Biex nilħqu aħjar lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ jeħtieġ li nifhmu l-kultura u s-soċjetà li qed jgħixu fiha. Il-ħajja ta' adolexxent illum hi differenti minn dik ta' adolexxent għaxra jew ħmistax-il sena ilu. Is-sitwazzjoni tal-ħajja li qed jiltaqgħu magħha ż-żgħażagħ illum hi differenti minn ta' qabel. U din ir-rota dejjem iddur, l-istil ta' ħajja dejjem jinbidel, u l-mentalità tinbidel ukoll. Għalhekk tajjeb li nistaqsu:

> Il-metodi ta' katekeżi tagħna qegħdin jinbidlu bl-istess ritmu? Jew għadna nużaw l-istess metodi li kbirna bihom aħna? Il-messaġġ tagħna, qegħdin inwassluh b'mod relevanti għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-lum?

L-ewwel u qabel kollox tajjeb li ngħidu li l-katekeżi tkun iżjed effettiva jekk min iwassalha huma operaturi pastorali għaqlin u f'mixja ta' fidi. L-adolexxenti u ż-żgħażagħ għandhom bżonn jaraw, iħossu qribhom u jgħixu ma' mexxejja Nsara li jafu jmorru magħhom u li kapaċi jifhmu/jitkellmu l-lingwaġġ tagħhom. Bil-preżenza ta' mexxejja bħal dawn fil-ħajja tagħhom, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ ikunu qed jiġu influwenzati b'mod tajjeb u, biex ngħidu hekk, jiġu evanġelizzati waqt kull ħaġa li jagħmlu - sew jekk hi laqgħa, logħba jew ħarġa.

Fl-istess ħin, però, tajjeb li naraw ukoll li l-metodi li nużaw ikunu addattati. Hemm tipi differenti ta' kif wieħed jista' jagħmel katekeżi. Irridu nsibu l-metodu li l-aktar jaħdem mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-parroċċa tagħna. Dawn il-metodi jridu jkunu bbażati fuq ir-riċerka li ssir minn żmien għal żmien fuq livell parrokkjali (eż. mill-KPAŻ – ara kapitlu 4 ta' dawn il-linji gwida) jew fuq livell djoċesan/nazzjonali (eż. mill-KDŻ/mill-università/uffiċċju nazzjonali tal-Istatistika). Tajjeb li nżommu dawn il-punti li ġejjin f'moħħna:

(a) Il-katekeżi tagħna ma tistax tkun biss dik 'formali' – eż. laqgħat, imma rridu nsibu metodi oħrajn li jilħqu iżjed persuni bħal:

- Kampanji fil-media dwar xi tema Nisranija (permezz ta' *posters, mailshots, emails,* websajts, *billboards*, u forsi anke radjijiet u televixin) – li toffri leħen profetiku maż-żgħażagħ 'tal-periferija' anke fl-ambjent tal-parroċċa.

- Użu għaqli ta' ċertu appuntamenti li għadhom jiġbdu diversi nies bħalma huma l-festa tal-parroċċa, il-Milied, l-Għid eċċ. permezz ta' attivitajiet speċjali għaż-żgħażagħ, stediniet għal laqgħat informali eċċ.

- Ċelebrazzjoni iżjed ħajja tal-Quddiesa tal-Ħadd peress li minkejja li n-numru ta' żgħażagħ li jattendu għall-quddies qiegħed dejjem jonqos, xorta hemm numru ta' żgħażagħ li għadhom jattendu. Għal diversi minn dawn iż-żgħażagħ, il-Quddies tal-Ħadd hi l-uniku mument li fih huma jkunu preżenti fil-ħajja tal-parroċċa.

(b) Importanti wkoll li nżommu f'moħħna li l-katekeżi formali stess ma tistax tibqa' tiġi bbażata fuq laqgħa fejn xi ħadd jgħallem, jitkellem jew jippriedka u l-adolexxenti/żgħażagħ jisimgħu. Dawn li ġejjin huma kollha mezzi li bihom wieħed jista' jagħmel katekeżi:

- Fora u diskussjonijiet
- Ċelebrazzjonijiet eż. ċelebrazzjonijiet tat-talb ta' filgħaxija, ċelebrazzjonijiet penitenzjali, iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa eċċ.
- Il-mużika u l-kant
- Id-drama
- Il-mezzi awdjo-viżivi, teknoloġiċi, multi-sensory
- Sport, Avventura
- Arti
- Logħob
- Żfin
- Qsim ta' esperjenzi mill-ħajja
- Kwestjonarji u intervisti
- Stejjer u Rakkonti

Tajjeb li ngħidu li minkejja li hu tajjeb li nkunu kreattivi u nbiddlu l-metodi ta' kif nagħmlu l-katekeżi, irridu naraw li t-tagħlim ma jonqosx u ma jinbidilx. Jeħtieġ li nibdlu l-metodu u mhux il-messaġġ tagħna. Biex il-metodu jkun relevanti ma jfissirx li nibdlu, ngħawġu jew naħbu l-messaġġ.

Ukoll, ma jfissirx li metodu li ħadem ma' grupp bilfors se jaħdem ma' grupp ieħor. Ma nistgħux nużaw l-isess metodi ma' gruppi differenti u nippretendu li dejjem jaħdmu. Huwa għalhekk li importanti li nkunu nafu l-grupp u l-kultura tiegħu.

8.4 Pjanifikazzjoni tal-katekeżi

Dak kollu li ntqal s'issa, speċjalment dak li għandu x'jaqsam ma' katekeżi formali, għandu jsir f'qafas ta' pjan ta' katekeżi li fl-istess waqt iħalli spazju għal flessibilità u addattament. Filwaqt li pjanijiet simili jeżistu għall-adolexxenti sal-età ta' 12-il sena, ma nistgħux

ngħidu l-istess għall-adolexxenti bejn 12 u 15-il sena u żgħażagħ minn 16-il sena 'l fuq. Hekk kif insibu fid-dokument tas-Sinodu stess, bħalissa għad m'hawnx programmi stabbiliti li jistgħu jgħinu lill-operaturi pastorali fil-pjanifikazzjoni tagħhom.

F'dan ir-rigward, il-KDŻ qed taħdem sabiex hekk kif hu mixtieq mid-dokument stess "toħloq programmi didattiċi mmirati li jirrispettaw l-iżvilupp f'kull settur tal-ħajja żagħżugħa b'possibilità ta' flessibilità u addattament." (AŻ 36).

8.5 X'għandna nżommu f'moħħna meta norganizzaw/ nippjanaw il-katekeżi fiċ-ċentri/għaqdiet tagħna?

Dawn li ġejjin huma ftit punti li tajjeb li nżommu f'moħħna meta nippjanaw il-katekeżi fiċ-ċentri/għaqdiet tagħna:

- Tajjeb li l-adolexxenti/żgħażagħ ikunu maqsuma fi gruppi skont l-etajiet. Preferibbilment il-grupp ma jkunx fih etajiet li jvarjaw b'ħafna snin.
- Il-ħin tal-laqgħa ma jkunx twil iżżejjed li jdejjaq jew jgħejji l-grupp, imma fl-istess ħin ma jkunx qasir iżżejjed li lanqas jippermetti lill-grupp jidħol fl-ispirtu, jipparteċipa, jiddiskuti jew jirrifletti. Il-grupp jurik kemm jiflaħ.

8.6 X'għandna nżommu f'moħħna meta nippjanaw/ nagħmlu l-laqgħat?

(a) L-ippjanar tal-laqgħa

Għaliex tajjeb li nippjanaw?

- biex naraw kif se nwasslu l-persuna ta' Ġesù u mhux lilna nfusna jew xi ħaġa oħra
- biex nippreżentaw il-messaġġ tagħna bl-aħjar mod possibbli
- biex inkunu kapaċi nwieġbu għall-mistoqsijiet u d-diffikultajiet li jkollhom
- biex nidhru quddiem l-adolexxenti u ż-żgħażagħ b'mod professjonali u nwasslu l-messaġġ li l-katekeżi mhix xi ħaġa ta' nofs kedda
- biex ma nispiċċawx "inreddnu" dejjem fuq l-istess ħaġa
- biex inkunu żguri li nilħqu l-għan aħħari tal-laqgħa

Tajjeb li meta nippjanaw inżommu f'moħħna s-sitwazzjoni jew il-kundizzjoni tal-grupp, l-għan tal-laqgħa, l-metodu/i li se nużaw.

(b) It-Temi li jintgħażlu

Fir-rigward taż-żgħażagħ, fl-assenza ta' programmi didattiċi magħmula apposta għaż-żgħażagħ tad-djoċesi tagħna, wieħed jista' jimxi fuq dawn il-linji:

- meta nagħżlu t-temi tal-laqgħat, tajjeb li nagħtu każ tal-bżonnijiet li jħossu l-adolexxenti u ż-żgħażagħ (niddiskutu temi li jitolbu huma), imma fl-istess ħin indaħħlu wkoll il-bżonnijiet li naraw aħna bħala mexxejja (u ninkludu temi li aħna naraw il-bżonn tagħhom).
- Tajjeb li meta tintagħżel it-tema tal-katekeżi nżommu wkoll f'moħħna t-tema ta' Jum iż-Żgħażagħ li l-Papa jkun ħareġ għal dik is-sena.
- Tajjeb ukoll li nżommu f'moħħna ż-żmien liturġiku li nkunu għaddejjin minnu bħala Knisja.

(c) Il-metodi li nużaw

- L-aħjar metodi li nistgħu nużaw huma dawk li permezz tagħhom iż-żgħażagħ jipparteċipaw b'mod attiv.

- Hu importanti wkoll li nużaw metodi li huma relevanti għall-ġurnata tal-lum. Il-metodi li nużaw waqt laqgħa jridu jgħinuna nilħqu l-għan tal-laqgħa tagħna. Jekk naħsbu li se jtellfu, mhux se jgħinu jew aktar minn hekk se jaħbu l-messaġġ, ma nużawhomx.
- Ma nużawx metodi estravaganti sempliċiment biex inkunu użajniehom
- Kemm jista' jkun nippruvaw invarjaw fil-metodi li nużaw ħalli ma naqgħux f'monotonija.
- Tajjeb li jkun hemm xi sorpriża fil-metodu tagħna – biex b'hekk inżommu l-kurżità u l-interess ħaj.
- Kull metodu li nużaw biex inwasslu l-messaġġ (anke jekk ikun żfin, logħob, sport, avventura eċċ) naraw li jsir fi spirtu Nisrani u li jixraq lill-poplu t'Alla.

(d) Riżorsi

- Waqt il-laqgħat tajjeb li nużaw riżorsi li, bħal fil-każ tal-metodi li nużaw, iridu jgħinuna biex inwasslu l-messaġġ tagħna aħjar. M'għandniex nużaw riżorsi biex nimpressjonaw biss.

- Tajjeb li l-użu tal-Bibbja jkun ċentrali fil-ħidma tagħna u importanti li ngħinu liż-żgħażagħ jirreferu ta' spiss għall-Kelma t'Alla.

- Jekk inkunu ser nużaw apparat teknoloġiku (eż. *projector*, kompjuter, CD player, DVD eċċ) naraw li jkun qed jaħdem sew u li nkunu nafu nużawh – biex ma ntellfux l-attenzjoni waqt il-laqgħa fiha nnifisha.

(e) Evalwazzjoni

- Importanti li nagħmlu evalwazzjoni tal-laqgħat u l-metodi tagħna ħalli naġġornawhom dejjem skont il-ħtieġa.

- L-evalwazzjoni trid tkun dejjem ibbażata fuq l-għanijiet tal-laqgħa tagħna – irnexxielna nilħqu l-għanijiet tagħna?

8.7 Minn fejn nistgħu nsibu għajnuna?

- Librerija tas-Segretarjat tal-Katekeżi
- *Resource Centre* tal-KDŻ
- Internet
- Riżorsi oħra minn ċentri oħra tal-istess parroċċa, unità jew unitajiet oħra.

Noti

[15] Catechesi Tradendae 1, 2.
[16] Renewing the Vision http://www.usccb.org/laity/youth/rtvcontents.shtml

{9}
Komunità li tiċċelebra
– Liturġija –

> Il-liturġija hija l-espressjoni u l-qofol tal-ħajja tal-Knisja miġbura flimkien. Fiha Alla jkellem lill-poplu tiegħu u Kristu jibqa' jħabbar l-Aħbar it-Tajba. Il-komunità tissieħeb f'dan id-djalogu permezz ta' talb u kant. Fiha l-Ispirtu ta' Alla jxebbahna u jgħaqqadna ma' Kristu u jagħtina l-ħajja tiegħu, u hekk isaħħaħna fir-rabta mat-Trinità qaddisa, fil-komunjoni ta' bejnietna bħala Knisja u fil-qadi tal-missjoni li jafdalna f'idejna favur il-bnedmin l-oħra. Għalhekk, il-liturġija hija sinjal tal-preżenza ta' Alla fil-komunità u espressjoni tal-ħajja li tgħix il-komunità. (AŻ 44)

9.1 Il-Parroċċa bħala komunità

Fil-viżjoni tas-Sinodu Djoċesan, il-Parroċċa mhix sempliċiment numru ta' nies li joqogħdu fl-istess inħawi, imma hija komunità: ġabra ta' nies li jaqsmu ħajjithom flimkien – li jinvolvu rwieħhom f'dak li hu komuni għal kulħadd.

Fil-kapitlu ddedikat lil-liturġija (kapitlu IV), id-dokument Adolexxenti u Żgħażagħ jiffoka fuq iċ-ċelebrazzjoni komunitarja u juri kif din hi wkoll parti integrali mill-ħajja taż-żgħażagħ u l-adolexxenti. Il-Liturġija trid tkun espressjoni ta' ċelebrazzjoni żagħżugħa.
Id-dokument Adolexxenti u Żgħażagħ jipproponi li titpoġġa enfasi speċjali fuq is-Sagramenti tal-Ewkaristija u r-Rikonċiljazzjoni. "Din l-għażla ma tfissirx li s-sagramenti l-oħra huma inqas importanti, imma toħroġ fiċ-ċar kemm hu meħtieġ li ż-żgħażagħ jaraw li l-ħajja tagħhom ta' kuljum tiġi ċċelebrata u mqaddsa fil-komunità" (AŻ 44). Għalhekk, fl-ewwel parti ta' dan il-kapitlu ser nitkellmu fuq is-Sagrament tal-Ewkaristija u kif dan jista' jiġi ċċelebrat b'mod iżjed żagħżugħ. Fit-tieni parti, imbagħad ser nitfgħu ħarsitna lejn is-sagrament tar-rikonċiljazzjoni.

9.2 Is-Sagrament tal-Ewkaristija

> Iż-żgħażagħ ifittxu li jgħixu u jkollhom esperjenzi flimkien fi gruppi u l-liturġija toffri speċifikament dan l-ispazju: komunità li qiegħda tiċċelebra u tgħaddi minn esperjenza flimkien. (AŻ 46)

Tinħass il-ħtieġa li ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija ma tkunx maqtugħa mill-kumplament tal-ħajja, speċjalment għall-gruppi ta' adolexxenti u żgħażagħ li huma diġa` involuti fil-ħajja pastorali tal-parroċċa. Għalhekk,

- Il-gruppi taż-żgħażagħ tal-parroċċa għandhom ikunu mħeġġa jiċċelebraw quddiesa tal-Ħadd partikolari flimkien u joffru s-servizz tagħhom fl-animazzjoni.
- Għandhom isiru laqgħat li jieħdu l-Quddiesa bħala ċ-ċentru tal-laqgħa, bl-istil normali tal-grupp.
- Il-membri tal-gruppi għandhom jiċċelebraw quddies speċjali bejniethom marbut ma' ċertu żminijiet eż. il-bidu ta' kull staġun; żmien l-eżamijiet; kull l-aħħar laqgħa tax-xahar eċċ.

9.2.1 Il-Liturġija ċċelebrata fil-parroċċa: Aktar spazju għaż-żgħażagħ

Id-dokument Adolexxenti u Żgħażagħ jidentifika tliet mumenti li fihom jeħtieġ ikun hemm aktar spazju għaż-żgħażagħ (ara AŻ 46). Hemm bżonn:

i. li ż-żgħażagħ u l-adolexxenti ikollhom l-okkażjoni li jinġabru bejniethom u jiċċelebraw l-Ewkaristija bil-mod tagħhom.
ii. li huma jiċċelebraw quddies tal-ħin b'mod aktar żagħżugħ, li jkun madanakollu miftuħ għall-komunità kollha.
iii. li huma jingħaqdu mal-bqija tal-komunità għal ċelebrazzjonijiet liturġiċi, ukoll jekk dawn ma jkunux animati b'mod strettament żagħżugħ.

9.2.2 Ċelebrazzjoni ta' quddiesa żagħżugħa fil-parroċċa

Iż-żewġ karatteristiċi ta' kull quddiesa għandhom jibqgħu il-komunità u ċ-ċelebrazzjoni. B'komunità nifmhu l-involviment sħiħ ta' dawk miġburin, li jkunu megħjuna jħossuhom parti minn dak li jkun qed iseħħ. Ċelebrazzjoni tfisser li dak li jsir, għandu jsir f'ambjent ta' ferħ. Għalhekk l-ewwel ħaġa meħtieġa għal ċelebrazzjoni bħal din hija li jkun hemm żgħażagħ li qed jagħmlu esperjenza ħajja ta' Ġesù fil-ħajja tagħhom u ta' bejniethom. Dan il-grupp ikun, flimkien mas-saċerdot, dak li janima l-quddiesa. Fid-dawl ta' dan kollu jkun tajjeb jekk:

- Ikun hemm ministri ta' akkoljenza li jilqgħu lin-nies huma u deħlin u ħerġin mill-Knisja.
- Isir aktar djalogu bejn is-saċerdot u l-ġemgħa, speċjalment waqt omeliji u riflessjonijiet.
- It-talbiet u ringrazzjamenti jkunu relevanti ma' ġrajjiet kurrenti.
- Qabel jew wara ċ-ċelebrazzjoni, s-saċerdot li jkun qed jippresiedi għandu jara li jiltaqa' ma' dawk li jkunu ġew għall-quddiesa.

9.2.3 Ambjent li jilqa', lingwaġġ u simboliżmu

> Kemm jista' jkun, il-liturġija għandha tkun esperjenza li tindirizza liż-żgħażagħ b'lingwaġġ u b'simboliżmu li joħorġu mill-ħajja tagħhom, biex b'hekk tiftiehem il-Kelma f'kuntest tal-esperjenzi kollha li jgħaddu minnhom. Dawn is-simboli, kif ukoll l-istil kollu tal-liturġija, għandhom ikunu marbuta mal-kultura taż-żgħażagħ. Il-liturġija teħtieġ li tinkultura ruħha b'mod li ż-żgħażagħ jistgħu jidentifikaw ruħhom magħha. Kemm il-kliem li jintużaw kif ukoll enfasi speċifiċi għall-ħajja taż-żgħażagħ għandhom jiġu mogħtija l-akbar importanza. (AŻ 50)

Iż-żgħażagħ għandhom jitħallew jesprimu ż-żewġ elementi bażiċi msemmija aktar 'il fuq (komunità u ċelebrazzjoni) b'forom u lingwaġġi li joħorġu direttament mill-kultura tagħhom. Dejjem, naturalment, b'rispett lejn l-elementi liturġiċi tal-quddiesa. Għalhekk:

- iż-żgħażagħ għandhom ikunu inkoraġġiti jużaw ġesti ġodda bħal ċapċip jew li jżommu id f'id.
- għandhom jiġu utilizzati simboli kontemporanji bħal pereżempju l-forma tal-qalb li tfisser imħabba jew il-forma t'umbrella li tfisser protezzjoni. ????
- għandna nużaw kliem u termini li jinftiehmu miż-żgħażagħ u li nagħmlulhom kuraġġ b'dak li nigħidulhom; pożittività; affermazzjoni.

Iż-żgħażagħ għandhom jingħataw l-inkarigu li jżommu l-Liturġija ħajja u dan b'modi li jmorru lil hinn minn sempliċement l-għażla tal-innijiet. Għandhom jiġu żviluppati

- l-ambjent fejn tiġi ċċelebrata l-quddiesa;
- l-interazzjoni bejn in-nies;
- ir-relevanza tat-talbiet;
- l-omelija; u
- ġbir tal-offerti.

Għandhom jaraw kif dawk kollha preżenti jħossuhom parti integrali minn dak kollu li qed isir.

9.2.4 Kif jista' jinħoloq ambjent aktar żagħżugħ fil-quddiesa?

Dawn li ġejjin huma xi suġġerimenti fuq kif għall-quddiesa jista' tassew jinħoloq ambjent aktar akkoljenti u żagħżugħ:

- Il-Quddiesa m'għandhiex għalfejn issir dejjem fil-Knisja parrokkjali, speċjalment jekk din toħloq wisq firda bejn il-presbiterju u l-ġemgħa; jistgħu jiġu utilizzati aktar il-kappelli li nsibu mxerrdin fl-irħula tagħna.

- L-arranġamenti tal-bankijiet/siġġijiet fil-Knisja għandu, fejn hu possibbli, jiġi aktar f'forma ċirkulari u m'hemmx bżonn jiġu ppreparati wisq aktar postijiet milli jkunu ġejjin nies biex dawn ma joqogħdux imferrxin mal-Knisja.

- L-armar fil-Knisja/Kappella għandu jirrifletti aħjar it-tema tal-ġurnata, kemm biex joħloq aktar atmosfera u kemm biex minn ġimgħa għal ġimgħa jkun differenti.

- L-armar jinkludi mezzi ġodda u sempliċi bħal per eżempju preżentazzjoni, kunċetti u ħsibijiet. Fuq kollox diversi mill-knejjes tagħna jipprovdu spazji adattati għal *installation art*, li taf tkun espressjoni żagħżugħa u effettiva.

- *Background music*, tagħmel ukoll differenza fil-mod kif jinġabru ż-zgħażagħ, waqt mumenti bħat-talbiet u t-tqarbin. Madanakollu, għandu jkun preferut li l-mument tal-konsagrazzjoni jibqa' jiġi ċċelebrat fis-silenzju u li jibqa' ċ-ċentru tal-quddiesa mingħajr distrazzjonijiet li jfixklu dan.

- Trid tingħata aktar attenzjoni lil-Liturġija tal-Kelma, partikolarment permezz ta' letturi li jkunu kapaċi jwasslu l-qari b'entużjażmu.

- Huwa rakkomandat li jiġu użati *projections* waqt il-qari biex jgħinu aktar lin-nies isegwu dak li jkun qed jinqara; fl-istess ħin, iżda, dawn m'għandhomx ikunu aktar ċentrali mill-qari tal-letturi nfushom. Aktar milli jittellgħu is-siltiet sħaħ, huwa aktar suġġerit li jiġu pproġettati l-frażijiet importanti tat-test, jew li l-qar jkun sostnut permezz ta' stampi u animazzjonijiet li, l-istess, jolqtu l-punt partikolari li ċ-ċelebrant jixtieq jiffoka fuqu matul il-quddiesa.

- L-evanġelju għandu jipprovdi t-tema għall-quddiesa partikolari, li tista' tkun valur, messaġġ, jew perspettiva li tkun tappella u relevanti għall-kultura kontemporanja.

- L-omelija hija opportunità biex din it-tema tiġi żviluppata u mwassla lill-kongregazzjoni b'mod kreattiv. Apparti l-mimi u ż-żifniet, li għalkemm huma espressjoni ċelebrattiva ma jgħinux fil-parteċipazzjoni tal-ġemgħa, jistgħu jintużaw aktar media li jiffaċilitaw id-djalogu dirett bejn saċerdot u ġemgħa. Għalkemm huwa importanti li r-riflessjoni ċentrali fl-omelija ssir mis-saċerdot (jew djaknu), jgħin ħafna li persuni oħra jagħtu l-kontribut tagħhom.

- Eżempji jistgħu jkunu interventi konċiżi minn persuni kompetenti li l-oqsma tagħhom jafu jkunu ta' għajnuna biex il-messaġġ jasal aħjar.

- Jistgħu jintwerew clips u preżentazzjonijiet ta' films, bċejjeċ tal-arti, diski eċċ li joffru spunti biex l-omelija tkun tista' tiġi introdotta u mifhuma aħjar.

- F'komunità aktar żgħira, dawk miġburin jistgħu jiġu inkoraġġiti jidħlu f'diskussjonijiet u jitkellmu dwar aspett partikolari. Fl-istess waqt, anke f'komunitajiet kbar fejn il-familjarità bejn dawn miġburin tkun anqas, is-saċerdot għandu dejjem jagħti wisa' għall-ħsibijiet tan-nies, billi jistaqsihom mistoqsijiet diretti u billi josserva r-reazzjonijiet tagħhom għal dak li jkun qed jingħad fost l-oħrajn.

- Id-dokument tas-Sinodu jissuġġerixxi t-twaqqif ta' liturgy teams li jieħdu ħsieb il-preparazzjoni tal-quddies. Il-parroċċa għandha tinvesti f'dawn it-teams biex iċ-ċelebrazzjonijiet ikunu jistgħu verament jikbru f'esperjenza ħajja u relevanti. It-teams għandhom jieħdu tliet aspetti partikolari:
  i) Ambjent akkoljenti
  ii) Messaġġ ċar u relevanti
  iii) Kant u mużika addattata

Linji-gwida speċifiċi għal dawn il-liturgy teams jinsabu f'dokument separat.

9.3 Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni

Fid-dokument Adolexxenti u Żgħażagħ, bħal fil-każ tal-quddiesa, joħroġ ċar li s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni mhuwiex biżżejjed integrat fil-kuntest sħiħ tal-ħajja Nisranija u ħafna drabi jidher esperjenza barranija. Ħafna drabi, il-qrar hu aktar assoċjat mar-realtà tad-dnub u ħażen milli mar-realtà ta' mħabba u ħelsien. Jeħtieġ li jkun hemm emfasi fuq l-esperjenza ta' tiġdid, jiġifieri fuq id-dispożizzjoni li biha nersqu għal dan is-Sagrament u l-effett li jħalli.

9.3.1 X'jista' jsir sabiex dan is-Sagrament jersaq aktar lejn iż-żgħażagħ - u ż-żgħażagħ jersqu aktar lejn dan is-Sagrament?

- Gruppi ta' żgħażagħ u adolexxenti fil-parroċċi, għandhom ikunu mħeġġa biex jorganizzaw ċelebrazzjonijiet penitenzjali komunitarji, fejn waqt li jingħataw ħin biex jirriflettu u jagħmlu eżami tal-kuxjenza, ikun hemm ukoll disponibbli biżżejjed saċerdoti li jamministraw is-sagrament.
- Hemm ħtieġa li jitwaqqfu postijiet fissi għaż-żgħażagħ fejn dawn jistgħu jmorru apposta biex iqerru; u għalhekk dawn għandhom ikunu ambjenti maħluqa bl-akbar kura u sensittività biex jesprimu s-sbuħija u l-grazzja tal-esperjenza rikonċiljattiva.
- Anke f'nuqqas t'ambjenti fissi, il-parroċċa għandha toffri opportunitajiet ta' qrar għaż-żgħażagħ, speċjalment fiż-żmien tar-Randan, b'saċerdoti mistednin bir-reqqa li jkunu disponibbli għaż-żgħażagħ u adolexxenti li jkunu jixtiequ jirċievu s-sagrament.
- Tiġi ppublikata lista ta' konfessuri addattati fl-unità parrokkjali, bid-dettalji ta' kuntatt tagħhom biex iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jsibu lis-saċerdoti direttament.
- Tingħata gwida sempliċi f'forma ta' *booklet* jew *v-card* li tgħin liż-żgħażagħ fuq kif għandhom jeżaminaw il-kuxjenza.

Eżempju ta' eżami tal-kuxjenza:

- Ikkalma: Sib post għall-kwiet u ibqa' għal ftit mumenti fis-silenzju; tħalli xejn itellfek.
- Ftakar: Meta kienet l-aħħar darba li qerrejt? Liema kienu l-mumenti importanti f'ħajtek minn dak iż-żmien s'issa?
- Staqsi:
  - Jiena kuntent biżżejjed b'dak kollu li għandi f'ħajti?
  - X'nixtieq li għandu ħaddieħor, li jien m'għandix?
  - L-onestà: kemm hi faċli għalija?
  - Kemm verament għandi rispetti lejn in-nies ta' madwari?
  - Vera nħobbhom lill-persuni għeżież għalija?
  - Lil Alla, nagħtih qima bil-ħeġġa?
  - Alla huwa importanti fil-ħajja tiegħi daqskemm nemmen?
- Irrikonċilja: Agħżel bejn dak li huwa tajjeb u sabiħ u dak li jista' jkun aħjar, u fil-preżenza tas-saċerdot qerr is-sitwazzjoni tiegħek quddiem Alla u quddiem il-bqija tal-Insara.

{10}
Id-Djakonija

Tassew, ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi (Mt 25, 26).

Joħroġ ċar ħafna, minn studji li saru u mill-esperjenza kurrenti, kemm il-ħidma tad-djakonija jew qadi hi għal qalb iż-żgħażagħ. Għaldaqstant, fil-formazzjoni taż-żgħażagħ għandu jkun assigurat li kultant żmien ikun hemm esperjenza qawwija ta' djakonija u li, kemm jista' jkun, ikunu ż-żgħażagħ stess li joħolquha u jwettquha (AŻ 54).

10.1 X'inhi d-djakonija u għalfejn importanti li ż-żgħażagħ fil-parroċċa ikollhom esperjenza fid-djakonija?

Id-djakonija hi servizz ta' qadi bi mħabba lil ħutna fil-bżonn kif ukoll ħidma għall-ġustizzja. Il-mudell huwa Ġesù li tul ħajtu kollha, ċekken lilu nnifsu u kien ta' servizz għall-oħrajn b'mod partikolari għall-fqar.

Is-Sinodu jisħaq li "għandhom jiġu identifikati l-prijoritajiet soċjali ta' kull parroċċa – mhux kull parroċċa neċessarjament għandha l-istess problemi soċjali...Dan l-impenn għandu jwassal biex ikun hemm verament azzjoni konkreta, biex ikun hemm inqas duplikazzjoni ta' riżorsi umani u ekonomiċi u biex b'hekk il-ħidma tad-djakonija tkun aktar effiċjenti, effettiva u stabbli" (DĠ 24). Għal dan hi l-għan, ġie wkoll stabbilit li kull parroċċa għandu jkollha l-Kummissjoni Djakonija, bil-għan li tikkoordina l-ħidma tad-djakonija li ssir fil-parroċċa.

10.2 Il-Kummissjoni Djakonija u l-gruppi taż-żgħażagħ tal-parroċċa

Id-dokument Adolexxenti u Żgħażagħ jagħraf li hu importanti li anke ż-żgħażagħ "jersqu lejn min hu fil-bżonn jew dgħajjef bl-istess spirtu ta' Kristu u f'għaqda miegħu, b'mod li mhux biss huma jaraw

lil Kristu fil-proxxmu, iżda wkoll illi dawk li jirċievu l-għajnuna minn għandhom iħossu l-imħabba ta' Kristu fuqhom" (AŻ 53). Minkejja dan, b'differenza minn gruppi oħrajn, huwa diffiċli li jkollok grupp ta' żgħażagħ li l-ħidma tagħhom tkun iffukata biss fuq djakonija. F'diversi gruppi, ir-realtà hi li d-djakonija hi wieħed mid-diversi aspetti li fuqhom ikun mibni l-grupp.

Hu għalhekk li hu importanti li jkun hemm relazzjoni tajba bejn il-Kummissjoni Djakonija u d-diversi gruppi taż-żgħażagħ li hemm fil-parroċċa. Hu importanti wkoll li fil-Kummissjoni Djakonija, jkun hemm żgħażagħ li jkunu jistgħu jagħtu l-għajnuna tagħhom f'din il-ħidma ta' koordinament, speċjalment f'dawk l-aspetti li għandhom x'jaqsmu ma' adolexxenti u żgħażagħ li jeħtieġu l-għajnuna. B'dan il-mod, il-preżenza taż-żgħażagħ fil-Kummissjoni Djakonija tista' tagħti dawl fuq diversi aspetti bħalma huma:

- Għarfien tad-diversi sitwazzjonijiet diffiċli li ż-żgħażagħ fil-parroċċa jistgħu jsibu ruħhom fihom eż. żgħażagħ li jkunu maqbudin f'ħajja ta' xi vizzju; żgħażagħ li jsofru minn vjolenza jew abbuż ieħor, żgħażagħ li jisfaw vittmi ta' sfruttament sesswali, żgħażagħ li jkunu delinkwenti; żgħażagħ vittmi ta' faqar intelletwali, żgħażagħ li jiskopru li huma omosesswali eċċ.

- Suġġerimenti fuq kif tista' ssir ħidma pastorali fil-qasam tad-divertiment jekk fil-parroċċa jkun hemm ċentru fejn l-adolexxenti u ż-żgħażagħ jiltaqgħu biex jiddevertu.

- Suġġerimenti fuq kif tista' wkoll issir ħidma pastorali ma' żgħażagħ li huma studenti u turisti f'dawk il-parroċċi fejn hemm l-iskejjel għat-turisti jew fejn hemm numru tajjeb ta' familji li jilqgħu lil dawn l-istudenti għandhom.

Wara li fil-Kummissjoni Djakonija jsir dan l-eżerċizzju, iż-żgħażagħ li huma membri f'din il-Kummissjoni jistgħu jħeġġu lill-gruppi taż-żgħażagħ li hemm fil-parroċċa sabiex jagħtu l-għajnuna tagħhom. B'dan il-mod, iż-żgħażagħ ikunu qed jiġu involuti fil-ħidma ta' djakonija li ssir fil-parroċċa, isiru iżjed sensittivi għall-bżonnijiet li hemm u jkunu jistgħu wkoll jagħżlu f'liema area jixtiequ jagħtu l-għajnuna tagħhom.

10.3 Ħidma konkreta miż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ

> Iż-żgħażagħ għandhom jingħataw l-ispazju biex jagħtu sehemhom lejn soċjetà aktar ġusta u ħanina billi jkunu involuti u mħeġġa jmexxu proġetti għall-promozzjoni tal-ġustizzja u għall-ħtiġijiet ta' persuni fil-bżonn (AŻ 54).

Caritas Malta temmen bis-sħiħ li l-faqar għadu magħna. Ħafna persuni jinsabu f'diffikultajiet soċjali u qed jesperjenzaw suriet ġodda ta' faqar. Għaldaqstant, iż-żgħażagħ għandhom ikunu strumenti importanti sabiex jagħmlu stħarriġ li jidentifika l-qagħda soċjali tal-parroċċa. Ħadd aktar miż-żgħażagħ stess ma jaf liema huma d-diffikultajiet li sħabhom għaddejjin minnhom. Il-Kummissjoni Djakonija għandha tiġi mgħarrfa b'dan u wara, għandha tikkoordina l-ħidma li tista' ssir biex dawn il-bżonnijiet jiġu indirizzati.

Dawn il-problemi jistgħu jiġu indirizzati wkoll mill-adolexxenti u ż-żgħażagħ li jinsabu fl-għaqdiet tal-parrocca permezz ta' diversi ħidmiet konkreti li jistgħu jsiru. F'dan il-kamp tad-djakonija, l-operatur pastorali li jaħdem mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ għandu:

- Jibda billi fl-istess għaqda/grupp, joħloq sens ta' akkoljenza sabiex iż-żgħażagħ li jattendu jkunu miftuħa u sensittivi għal żgħażagħ f'sitwazzjonijiet diffiċili wkoll għal żgħażagħ b'diżabilità li juru x-xewqa li jingħaqdu mal-grupp.

- Jara li l-post fejn isiru l-laqgħat/attivitajiet tal-grupp hu aċċessibli għall-persuni b'diżabilità wkoll jiżguraw li "kull persuna żagħżugħa b'diżabilità jkollha kull opportunità biex jingħeleb kull xkiel ta' parteċipazzjoni u integrazzjoni fil-ħajja tal-Knisja" (AŻ 55).

- Iħeġġeġ lill-adolexxenti u żgħażagħ fiċ-ċentru tiegħu sabiex jieħdu sehem f'volontarjat ma' min hu fil-bżonn kemm fuq livell parrokkjali u anke fuq dak djoċesan. Importanti li dan isir fi spirtu Nisrani ta' qadi, fejn min jgħin mhuwiex fuq u min jirċievi l-għajnuna mhuwiex taħt imma kulħadd hu tal-istess dinjità għaliex kulħadd hu maħluq xbieha ta' Alla.

Hemm diversi attivitajiet ta' djakonija li wieħed jista' jagħmel, kulħadd skont il-bżonnijiet tal-parroċċa tiegħu. Il-ħtiġijiet tal-bniedem fil-bżonn għandhom iqanqlu l-kreattività tal-komunità nisranija sabiex tagħti s-servizz tagħha b'mod effettiv. Xi ħidmiet konkreti li nistgħu inħeġġu li ż-żgħażagħ tagħna jagħmlu huma dawn:

- Għoti tad-demm
- Għajnuna lill-anzjani
- Żjajjar lill-morda fid-dar u fl-isptarijiet
- Ħidma ma' familji fil-bżonn li tinkludi tibjid, tindif u kull għajnuna oħra domestika
- Ħidma mat-tfal li mhux qed ilaħħqu ma' sħabhom fl-edukazzjoni u huma żvantaġġjati permezz ta' għajnuna fil-*homeworks*, sapport morali, ħbiberija.
- Ħidma mat-tfal b'single parents

- Ħidma ma' żgħażagħ li ma jafux jiktbu u jaqraw
- Support Groups għal żgħażagħ vittmi ta' xi vizzji
- Summer Schools għat-tfal tal-parroċċa
- Talking books – kotba apposta f'forma ta' cassettes għal persuni neqsin mid-dawl, anzjani jew li ma jafux jiktbu u jaqraw
- Tqassim tal-ikel ma' persuni li għandhom bżonn għajnuna immedjata (hekk kif provdut mill-UE) eċċ.
- Jilqgħu lil żgħażagħ turisti u jibnu magħhom relazzjoni ta' ħbiberija billi jieħdu ħsieb li jintroduċuhom għall-kultura u l-fidi tal-komunità parrokkjali, speċjalment dik żagħżugħa.

10.4 Kuntatt mal-Caritas u aġenziji oħrajn

Hu importanti ħafna li kemm l-operaturi pastorali f'ħidma maż-żgħażagħ kif ukoll iż-żgħażagħ infushom ikunu konxji mid-diversi servizzi li huma offruti mill-Caritas u minn aġenziji oħrajn bħalma huma dawk tal-gvern. Dan hu importanti kemm biex wieħed ikun konxju tas-servizzi li dawn joffru u meta tqum il-ħtieġa, ikun hemm referrals għandhom. Tkun ukoll idea tajba kieku jiġi ppjanat xi seminar fejn xi persuni mill-Caritas jew minn aġenziji oħrajn jiġu jagħmlu preżentazzjoni tas-servizzi li huma joffru u wkoll biex iqajmu kuxjenza kemm fl-operaturi pastorali u kemm fiż-żgħażagħ infushom ta' ċertu problemi eż. abbuż mid-drogi, faqar eċċ.

{Appendiċi}
Imġiba Xierqa mill-Operaturi Pastorali li jaħdmu fost l-Adolexxenti u Żgħażagħ

> "Il-Knisja, permezz tal-operaturi pastorali, ġenituri u għalliema, trid tkun preżenti tul din il-mixja, tisma' t-tħassib, il-ferħ, it-tamiet u d-dieqa ta' kull żagħżugħ u żagħżugħa, tiddjaloga magħhom, twassalhom għall-għarfien tal-Aħbar it-Tajba f'ħajjithom u tiċċelebra magħhom il-ħajja" (AŻ 5)

It-tibdil kbir li sar f'dawn l-aħħar snin, u li għad irid isir, fil-ħidma mal-adolexxenti u żgħażagħ, l-opportunitajiet kbar li nfetħu f'dan ir-rigward permezz tal-Unjoni Ewropea, u l-esperjenzi pastorali ta' djoċesijiet oħrajn, jixprunaw dan l-eżerċizzju li qed nagħmlu sabiex nagħtu direzzjoni dwar x'imġiba hija mistennija minn min jaħdem f'ministeru mal-adolexxenti u żgħażagħ.

Għandna ammirazzjoni kbira lejn kull min b'xi mod huwa involut f'din il-ħidma f'isem id-Djoċesi. Is-sens qawwi ta' dedikazzjoni, sagrifiċċju personali u altruiżmu li jintwera huwa ta' min ifaħħru u jsostnih. Huwa bi spirtu ta' kollaborazzjoni magħkom u ta' sostenn għalikom li qed nippreżentaw dan id-dokument. Jalla ssibu fih direzzjoni u għajnuna li permezz tagħhom issaħħu l-ħidma tagħkom, filwaqt li tħossukom protetti minn sitwazzjonijiet li jistgħu mhux biss ifixklu l-ħidma tagħkom, iżda li jkunu wkoll ta' konsegwenzi xejn pjaċevoli għal kull min ikun involut.

Nixtiequkom li, permezz ta' dan id-dokument, tħossukom li d-Djoċesi, permezz tal-Kummissjoni Djoċesana Adolexxenti u Żgħażagħ (KDŻ) qiegħda fil-fatt tagħtikom direzzjoni, protezzjoni u sostenn fil-ħidma tagħkom.

Il-kumpilazzjoni ta' dan id-dokument ittieħed minn studju li sar fuq dokumenti minn diversi djoċesijiet oħra, fosthom minn "Standards for Youth and Young Adult Ministry" tan-National Council for Young Catholics ta' New Zealand.

Kodiċi ta' Etika

Dawk li jaħdmu f'ministeru mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ huma msejħa f'relazzjoni mal-Missier, l-Iben u l-Ispirtu Santu u mal-proxxmu. Għalhekk:

1 Għandhom jevitaw kull attività, sew jekk konnessa mal-pożizzjoni tagħhom sew jekk le, li tikkomprometti l-integrità tagħhom, u/jew li biha jgħawġu l-messaġġ li huma fdati bih, jew jagħtu isem ħażin lill-persuni li jaħdmu magħhom, il-kollegi tagħhom, jew lil komunità tal-Knisja;

2 Għandhom ikunu lesti sew personalment kif ukoll professjonalment li jagħtu rendikont tad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet li jieħdu;

3 Għandhom ikunu lesti li fil-ħidma tagħhom fil-knisja joħolqu ambjent li jilqa' u jseddaq;

4 Għandhom iġibu ruħhom f'kull ħin b'manjiera li kull min jiġi f'kuntatt magħhom u jitlob is-servizz tagħhom iħossu li huwa milqgħuh, rispettat u msaħħah permezz tal-għajnuna li jingħata;

5 Għandhom jassiguraw li joffru informazzjoni adegwata biex kulħadd jifhem sew is-servizz li jkun qed jiġi offrut u n-natura tal-involviment li jkun qed jiġi proponut;

6 Għandhom jaqsmu informazzjoni kunfidenzjali biss bil-kunsens infurmat tal-persuni konċernati, barra fil-każ ta' periklu għall-ħajja sew tagħhom personali, ta' oħrajn u tal-pubbliku ġenerali;

7 Għandhom jitrattaw lil kull min jiltaqgħu miegħu b'rispett u kortesija irrispettivament mir-razza, sess, età, reliġjon, politika jew opinjoni oħra, orjentament sesswali, status, saħħa, intelliġenza jew karatteristiċi partikulari oħra li jiddistingwu;

8 Huma miżmuma responsabbli skont il-liġijiet ċivili ta' Malta;

9 Għandhom jevitaw kull azzjonijiet li jistgħu jiġu interpretati bħala fastidju; kull involviment ta' natura sesswali mhix xierqa ma' kull persuna li qed jaħdmu magħha/miegħu jew li jagħmlu avvanzi sesswali bil-kliem, bl-għemil jew b'manjieri li jħajru;

10 Għandhom ifittxu li jkollhom/jingħataw superviżjoni regolari, b'mod li jkunu mħarsa, li jkollhom ma' min jiftħu qalbhom u li jieħdu parir li jiggwidahom;

11 Għandhom ikollhom responsabbiltà li jagħrfu sew il-qawwa kif ukoll il-limitazzjonijiet tagħhom. Dan jassigura li jifhmu sew l-effetti li d-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tagħhom jista' jkollhom fuq ħaddieħor;

12 Għandhom joffru biss servizzi li jaqgħu taħt il-kompetenza, il-kwalifiki u l-mandat li jkollhom. Dak li huwa barra minn hekk għandhom jirreferuh lil persuni oħra kompetenti.

kdż

kummissjoni djocesana żgħażagħ